ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 231

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 51

29 ta' Awwissu 2008

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI


Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 843/2008 tat-28 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ...... 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 844/2008 tat-28 ta' Awwissu 2008 li jiddefinixxi r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni għaz-zokkor abjad u għaz-zokkor mhux ipproċessat esportat fl-istat naturali tiegħu 3

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 845/2008 tat-28 ta' Awwissu 2008 li jiddefinixxi r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni tal-ġuleppijiet u ċerti prodotti oħra fis-settur taz-zokkor esportati fl-istat naturali tagħhom ...... 5

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 846/2008 tat-28 ta' Awwissu 2008 li jiffissa l-ammont massimu tar-rifużjoni għall-esportazzjoni taz-zokkor abjad fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta mir-Regolament (KE) Nru 900/2007 ...... 7

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 847/2008 tat-28 ta' Awwissu 2008 li jiffissa l-ammont massimu tar-rifużjoni għall-esportazzjoni taz-zokkor abjad fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta mir-Regolament (KE) Nru 1060/2007 ...... 8

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 848/2008 tat-28 ta' Awwissu 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2076/2002 u d-Deċiżjoni 2003/565/KE fir-rigward tal-perjodu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 8 (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE** [1] ...... 9

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 849/2008 tat-28 ta' Awwissu 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3199/93 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' proċeduri għall-iżnaturar komplet [denaturazzjoni totali] tal-alkoħol għall-iskopijiet ta' eżenzjoni mit-taxxa tas-sisa** ...... 11


[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

(*Ikompli fil-paġna ta' wara*)



MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 850/2008 tat-28 ta' Awwissu 2008 tibda l-proċedura għall-allokazzjoni ta' liċensji tal-esportazzjoni għall-ġobon li jrid jiġi esportat għall-Istati Uniti tal-Amerika fl-2009 li jaqaw taħt ċerti kwoti tal-GATT** ........ 12

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 851/2008 tat-28 ta' Awwissu 2008 li jistipula r-rati ta' rifużjonijiet applikabbli għal ċertu prodotti mis-settur taz-zokkor esportati bħala prodotti mhux koperti minn Anness I tat-Trattat ........ 17

---

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIM INTERNAZZJONALI

★ **Regolament Nru 117 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE) – Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tat-tajers rigward l-emissjonijiet ta' ħoss ta' rrolljar u l-adeżjoni fuq superfiċji mxarrbin** ........ 19

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 843/2008

**tat-28 ta' Awwissu 2008**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-29 ta' Awwissu 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Awwissu 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2008 (ĠU L 149, 7.6.2008, p. 61).

([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 590/2008 (ĠU L 163, 24.6.2008, p. 24).

*ANNESS*

**il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MK | 22,9 |
| | XS | 22,4 |
| | ZZ | 22,7 |
| 0707 00 05 | JO | 162,5 |
| | MK | 21,6 |
| | TR | 128,2 |
| | ZZ | 104,1 |
| 0709 90 70 | TR | 93,7 |
| | ZZ | 93,7 |
| 0805 50 10 | AR | 61,4 |
| | CL | 65,6 |
| | UY | 66,2 |
| | ZA | 73,8 |
| | ZZ | 66,8 |
| 0806 10 10 | EG | 190,0 |
| | TR | 113,6 |
| | ZZ | 151,8 |
| 0808 10 80 | AR | 89,1 |
| | BR | 96,4 |
| | CL | 91,6 |
| | CN | 74,3 |
| | NZ | 107,0 |
| | US | 113,4 |
| | ZA | 85,3 |
| | ZZ | 93,9 |
| 0808 20 50 | AR | 131,3 |
| | CN | 53,0 |
| | TR | 147,5 |
| | ZA | 97,8 |
| | ZZ | 107,4 |
| 0809 30 | TR | 141,0 |
| | ZZ | 141,0 |
| 0809 40 05 | IL | 129,9 |
| | MK | 62,1 |
| | TR | 107,3 |
| | XS | 62,1 |
| | ZZ | 90,4 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 844/2008**

**tat-28 ta' Awwissu 2008**

**li jiddefinixxi r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni għaz-zokkor abjad u għaz-zokkor mhux ipproċessat esportat fl-istat naturali tiegħu**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 fuq organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2), it-tieni inċiż, tiegħu;

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, id-differenza bejn il-prezzijiet għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1)(b) tar-Regolament imsemmi fis-suq dinji u f'dak tal-Komunità tista' tiġi koperta b'rifużjoni ta' l-esportazzjoni.

(2) Fid-dawl tal-qagħda attwali tas-suq fis-settur taz-zokkor, jeħtieġ li jiġu definiti rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni, f'konformità mar-regoli u ma' ċerti kriterji pprovduti fl-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

(3) L-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 jipprovdi li r-rifużjonijiet jistgħu jkunu differenti skond id-destinazzjonijiet, meta dan ikun iġġustifikat mill-qagħda tas-suq dinji jew mill-esiġenzi speċifiċi ta' ċerti swieq.

(4) Jistgħu jingħataw rifużjonijiet biss fuq prodotti li jkunu awtorizzati għall-moviment ħieles fil-Komunità u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taz-zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti li jgawdu minn rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni pprovduti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 u l-ammonti ta' dawn ir-rifużjonijiet huma definiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-29 ta' Awwissu 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Awwissu 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

[1] ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1260/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 1). Ir-Regolament (KE) Nru 318/2006 ser jinbidel bir Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Ottubru 2008.

*ANNESS*

**Rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni għaz-zokkor abjad u għaz-zokkor mhux ipproċessat esportat fl-istat naturali tiegħu, applikabbli mid-29 ta' Awwissu 2008**

| Il-kodiċi tal-prodott | Id-destinazzjoni | L-unità tal-kejl | L-ammont tar-rifużjoni |
|---|---|---|---|
| 1701 11 90 9100 | S00 | EUR/100 kg | 13,76 ([1]) |
| 1701 11 90 9910 | S00 | EUR/100 kg | 13,76 ([1]) |
| 1701 12 90 9100 | S00 | EUR/100 kg | 13,76 ([1]) |
| 1701 12 90 9910 | S00 | EUR/100 kg | 13,76 ([1]) |
| 1701 91 00 9000 | S00 | EUR/1 % ta' sakkarożju × 100 kg tal-prodott nett | 0,1496 |
| 1701 99 10 9100 | S00 | EUR/100 kg | 14,96 |
| 1701 99 10 9910 | S00 | EUR/100 kg | 14,96 |
| 1701 99 10 9950 | S00 | EUR/100 kg | 14,96 |
| 1701 99 90 9100 | S00 | EUR/1 % ta' sakkarożju × 100 kg tal-prodott nett | 0,1496 |

*NB*: Id-destinazzjonijiet huma definiti kif ġej:

S00 — Id-destinazzjonijiet kollha, għajr:

(a) pajjiżi terzi: l-Andorra, Liechtenstein, is-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan), il-Kroazja, il-Bożnja u Ħerzegovina, is-Serbja, il-Kosovo (*), il-Montenegro, l-Albanija, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja;

(b) territorji ta' l-Istati Membri ta' l-UE li ma jiffurmawx parti mit-territorju dogonali tal-Komunità: il-Gżejjer Faroe, il-Groenlandja, Heligoland, Ceuta, Melilla, il-Komuni ta' Livigno u Campione fl-Italja u l-partijiet tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll.

(ċ) territorji Ewropej li r-relazzjonijiet barranin tagħhom huma r-responsabbiltà ta' Stat Membru u li ma jiffurmawx parti mit-territorju dogonali tal-Komunità: Ġibiltà

(*) Hekk kif definit bir-Reżoluzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-10 ta' Ġunju 1999.

([1]) Dan l-ammont huwa applikabbli għaz-zokkor mhux ipproċessat b'rendiment ta' 92 %. Jekk ir-rendiment taz-zokkor mhux ipproċessat ma jibqax ta' 92 %, għal kull operazzjoni ta' esportazzjoni kkonċernata, l-ammont tar-rifużjoni applikabbli jiġi mmultiplikat b'fattur ta' konverżjoni li jinkiseb billi jiġi diviż b'92 ir-rendiment taz-zokkor esportat, ikkalkulat skond il-punt III, il-paragrafu 3, ta' l-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 845/2008

## tat-28 ta’ Awwissu 2008

## li jiddefinixxi r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni tal-ġuleppijiet u ċerti prodotti oħra fis-settur taz-zokkor esportati fl-istat naturali tagħhom

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta’ l-20 ta’ Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [1], u b’mod partikolari l-Artikolu 33(2), it-tieni inċiż tiegħu;

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, id-differenza bejn il-prezzijiet, għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1)(c)(d) u (g) ta’ l-imsemmi Regolament, tas-suq dinji u dak Komunitarju tista’ tiġi koperta b’rifużjoni għall-esportazzjoni.

(2) Fid-dawl tal-qagħda attwali tas-suq fis-settur taz-zokkor, jeħtieġ li jiġu definiti r-rifużjonijiet għall-esportazzjoni, b’konformità mar-regoli u ma’ ċerti kriterji stipulati fl-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

(3) L-ewwel inċiż ta’ l-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 jipprovdi li r-rifużjonijiet jistgħu jkunu differenti skond id-destinazzjonijiet, meta dan ikun iġġustifikat minħabba l-qagħda tas-suq dinji jew il-ħtiġijiet speċifiċi ta’ ċerti swieq.

(4) Ir-rifużjonijiet jistgħu jingħataw biss fir-rigward tal-prodotti awtorizzati li jiċċirkolaw b’mod ħieles fil-Komunità u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta’ Ġunju 2006 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 f’dak li għandu x’jaqsam mal-kummerċ fis-settur taz-zokkor ma’ pajjiżi terzi [2].

(5) In-negozjati fil-qafas ta’ l-arranġamenti Ewropej bejn il-Komunità Ewropea u r-Rumanija u l-Bulgarija għandhom l-għan partikolari li jilliberalizzaw il-kummerċ tal-prodotti rregolati mill-organizzazzjoni komuni tas-suq ikkonċernat. Jeħtieġ għalhekk li jitneħħew ir-rifużjonijiet għall-esportazzjoni għal dawn iż-żewġ pajjiżi.

(6) Il-miżuri pprovduti f’dan ir-Regolament huma konformi ma’ l-opinjoni tal-Kumitat ta’ Ġestjoni taz-zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Il-prodotti li jgawdu mir-rifużjonijiet għall-esportazzjoni pprovduti fl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 u l-ammonti ta’ dawn ir-rifużjonijiet huma speċifikati fl-Anness għal dan ir-Regolament, peress li jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti fil-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu.

2. Sabiex il-prodotti jkunu eleġibbli għal rifużjoni skond il-paragrafu 1, iridu jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti, stipulati fl-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-29 ta’ Awwissu 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu, u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fit Brussell, 28 ta’ Awwissu 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

[1] ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Regolament hekk kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1260/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 1). Ir-Regolament (KE) Nru 318/2006 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta’ Ottubru 2008.

[2] ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24. Ir-Regolament hekk kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 514/2008 (ĠU L 150, 10.6.2008, p. 7).

*ANNESS*

**Rifużjonijiet għall-esportazzjoni fuq il-ġuleppijiet u ċerti prodotti oħra fis-settur taz-zokkor esportati fl-istat naturali tagħhom mid-29 ta’ Awwissu 2008**

| Il-kodiċi tal-prodott | Id-destinazzjoni | L-unità tal-kejl | L-ammont tar-rifużjoni |
|---|---|---|---|
| 1702 40 10 9100 | S00 | EUR/100 kg ta’ sustanza niexfa | 14,96 |
| 1702 60 10 9000 | S00 | EUR/100 kg ta’ sustanza niexfa | 14,96 |
| 1702 60 95 9000 | S00 | EUR/1 % ta’ sukrożju × 100 kg tal-prodott nett | 0,1496 |
| 1702 90 30 9000 | S00 | EUR/100 kg ta’ sustanza niexfa | 14,96 |
| 1702 90 71 9000 | S00 | EUR/1 % ta’ sukrożju × 100 kg tal-prodott nett | 0,1496 |
| 1702 90 95 9100 | S00 | EUR/1 % ta’ sukrożju × 100 kg tal-prodott nett | 0,1496 |
| 1702 90 95 9900 | S00 | EUR/1 % ta’ sukrożju × 100 kg tal-prodott nett | 0,1496 (1) |
| 2106 90 30 9000 | S00 | EUR/100 kg ta’ sustanza niexfa | 14,96 |
| 2106 90 59 9000 | S00 | EUR/1 % ta’ sukrożju × 100 kg tal-prodott nett | 0,1496 |

*NB*: Id-destinazzjonijiet huma definiti kif ġej:

S00 — Id-destinazzjonijiet kollha, għajr:

(a) pajjiżi terzi: Andorra, il-Liechtenstein, is-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan), il-Kroazja, il-Bożnja u Ħerzegovina, is-Serbja, il-Kosovo (*), il-Montenegro, l-Albanija, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja;

(b) territorji ta’ l-Istati Membri ta’ l-UE li ma jiffurmawx parti mit-territorju doganali tal-Komunità: il-Gżejjer Faroe, il-Groenlandja, Heligoland, Ceuta, Melilla, il-Komuni ta’ Livigno u Campione fl-Italja u l-partijiet tar-Repubblika ta’ Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta’ Ċipru ma jeżerċitax kontroll.

(ċ) territorji Ewropej li r-relazzjonijiet barranin tagħhom huma r-responsabbiltà ta’ Stat Membru u li ma jiffurmawx parti mit-territorju doganali tal-Komunità: Ġibiltà

(*) Hekk kif definit bir-Reżoluzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ta’ l-10 ta’ Ġunju 1999.

(1) Is-somma bażika ma tapplikax għall-prodott definit fit-2 punt ta’ l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3513/92 (ĠU L 355, 5.12.1992, p. 12).

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 846/2008

## tat-28 ta’ Awwissu 2008

## li jiffissa l-ammont massimu tar-rifużjoni għall-esportazzjoni taz-zokkor abjad fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta mir-Regolament (KE) Nru 900/2007

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta’ l-20 ta’ Frar 2006 fuq organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [1], u b’mod partikolari l-Artikolu 33(2), it-tieni subparagrafu, u t-tielet subparagrafu, punt b) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 900/2007 tas-27 ta’ Lulju 2007 dwar sejħa miftuħa permanenti għall-offerti sat-tmiem tas-sena tas-suq 2007/2008 għad-determinazzjoni ta’ rifużjonijiet għall-esportazzjoni taz-zokkor abjad [2] jirrikjedi li jsiru sejħiet għall-offerti parzjali.

(2) F’konformità ma’ l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 900/2007, u wara eżami ta’ l-offerti mressqa b’risposta għas-sejħa għall-offerti parzjali li tintemm fit-28 ta’ Awwissu 2008, jeħtieġ li jiġi ffissat ammont massimu għar-rifużjoni ta’ l-esportazzjoni għas-sejħa għall-offerti parzjali kkonċernata.

(3) Il-miżuri pprovduti f’dan ir-Regolament huma konformi ma’ l-opinjoni tal-Kumitat ta’ Ġestjoni taz-zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għas-sejħa għall-offerti parzjali li tintemm fit-28 ta’ Awwissu 2008, l-ammont massimu tar-rifużjoni ta’ l-esportazzjoni għall-prodott imsemmi fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 900/2007 huwa ffissat għal 21,957 EUR/100 kg.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-29 ta’ Awwissu 2008.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fit Brussell, 28 ta’ Awwissu 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

[1] ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1260/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 1). Ir-Regolament (KE) Nru 318/2006 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta’ Ottubru 2008.

[2] ĠU L 196, 28.7.2007, p. 26. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 148/2008 (ĠU L 46, 21.2.2008, p. 9).

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 847/2008**

**tat-28 ta' Awwissu 2008**

**li jiffissa l-ammont massimu tar-rifużjoni għall-esportazzjoni taz-zokkor abjad fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta mir-Regolament (KE) Nru 1060/2007**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 fuq organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2), it-tieni subparagrafu, u t-tielet subparagrafu, punt b) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1060/2007 ta' l-14 ta' Settembru 2007 li jiftaħ sejħa permanenti għall-offerti għall-bejgħ mill-ġdid għall-esportazzjoni taz-zokkor miżmum mill-aġenziji ta' l-intervent tal-Belġju, tar-Repubblika Ċeka, ta' Spanja, ta' l-Irlanda, ta' l-Italja, ta' l-Ungerija, tal-Polonja, tas-Slovakkja u ta' l-Iżvezja [2], jirrikjedi li jsiru sejħiet għall-offerti parzjali.

(2) F'konformità ma' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2007, u wara eżami ta' l-offerti mressqa b'risposta għas-sejħa għall-offerti parzjali li tintemm fis-27 ta' Awwissu 2008, jeħtieġ li jiġi ffissat ammont massimu għar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni għas-sejħa għall-offerti parzjali kkonċernata.

(3) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taz-zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għas-sejħa għall-offerti parzjali li tintemm fis-27 ta' Awwissu 2008, l-ammont massimu tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni għall-prodott imsemmi fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2007 huwa ffissat għal 307,08 EUR/t.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-29 ta' Awwissu 2008.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Awwissu 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

[1] ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1260/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 1). Ir-Regolament (KE) Nru 318/2006 ser jinbidel bir Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Ottubru 2008.

[2] ĠU L 242, 15.9.2007, p. 8. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 148/2008 (ĠU L 46, 21.2.2008, p. 9).

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 848/2008

## tat-28 ta' Awwissu 2008

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2076/2002 u d-Deċiżjoni 2003/565/KE fir-rigward tal-perjodu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 8 (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju ta' l-1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([1]), u b'mod partikolari t-tielet sottoparagrafu ta' l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) L-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE jipprovdi li Stat Membru jista', matul perjodu ta' 12-il sena wara n-notifika ta' din id-Direttiva, jawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti ta' ħarsien tal-pjanti li fihom ikollhom sustanzi attivi mhux inklużi fl-Anness I ta' din id-Direttiva li jkunu diġà ilhom fis-suq sentejn minn wara d-data tan-notifika, filwaqt li dawk is-sustanzi qed jiġu eżaminati bil-mod il-mod fi ħdan il-qafas ta' programm ta' ħidma.

(2) Għas-sustanzi koperti bit-tielet u r-raba' stadji tal-programm ta' ħidma l-perjodu ta' 12-il sena msemmi fil-premessa 1 ġie estiż bir-Regolament tal-Kummissjoni(-KE)Nru 2076/2002 ta' l-20 ta' Novembru 2002 li jestendi l-perjodu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u li jirrigwarda n-noninklużjoni ta' ċerti sustanzi attivi fl-Anness I ta' din id-Direttiva u l-irtirar ta' l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti ta' ħarsien tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi ([2]) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/565/KE tal-25 ta' Lulju 2003 li testendi l-perjodu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([3]).

(3) Għal dawn is-sustanzi l-evalwazzjoni ta' l-abbozz tar-rapporti ta' stima hija kważi kompluta u għal ħafna minnhom se tittieħed deċiżjoni dwar jekk jistgħux jiġu inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE qabel il-31 ta' Diċembru 2008. Iżda għal xi wħud minn dawn is-sustanzi mhux possibbli li jitlesta t-teħid ta' deċiżjoni sal-31 ta' Diċembru 2008. Biex il-programm ta' ħidma jkun jista' jiġi konkluż huwa għalhekk meħtieġ li jiġi estiż il-perjodu ta' żmien stipulat fir-Regolament (KE) Nru 2076/2002 u d-Deċiżjoni 2003/565/KE fir-rigward tat-tielet u r-raba' stadju tal-programm ta' ħidma. Barra minn hekk, fir-rigward tas-sustanzi li qed jiġu inklużi, l-Istati Membri u l-partijiet interessati jeħtieġ li jingħataw perjodu xieraq biex iħejju lilhom infushom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ġodda.

(4) Din l-estensjoni ta' żmien ma tippreġudikax il-possibbiltà li jiġu inklużi sustanzi individwali attivi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE kif stipulat fir-raba' sottoparagrafu ta' l-Artikolu 8(2) ta' din id-Direttiva.

(5) Ir-Regolamenti (KE) Nru 2076/2002 u d-Deċiżjoni 2003/565/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skond dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 2076/2002 huwa emendat kif ġej: Fl-Artikolu 1 il-kliem "31 ta' Diċembru 2008" jinbidel bi "31 ta' Diċembru 2009".

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 2003/565/KE hija emendata kif ġej: Fl-Artikolu 1 il-kliem "31 ta' Diċembru 2008" jinbidel bi "31 ta' Diċembru 2009".

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

---

([1]) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1 Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/70/KE (ĠU L 185, 12.7.2008, p. 40).
([2]) ĠU L 319, 23.11.2002, p. 3. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1313/2007 (ĠU L 291, 9.11.2007, p. 11).
([3]) ĠU L 192, 31.7.2003, p. 40.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Awwissu 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 849/2008**

**tat-28 ta' Awwissu 2008**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3199/93 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' proċeduri għall-iżnaturar komplet [denaturazzjoni totali] tal-alkoħol għall-iskopijiet ta' eżenzjoni mit-taxxa tas-sisa**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 27(4) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3199/93 [2] jistipula li d-denaturanti li jintużaw f'kull Stat Membru biex l-alkoħol jiġi denaturat kompletament skond l-Artikolu 27(1)(a) tad-Direttiva 92/83/KEE jridu jiġu deskritti fl-Anness ta' dak ir-Regolament.

(2) Skond l-Artikolu 27(1)(a) tad-Direttiva 92/83/KEE, l-Istati Membri għandhom jeżentaw mit-taxxa tas-sisa l-alkoħol li jkun ġie denaturat kompletament skond il-ħtiġijiet ta' kwalunkwe Stat Membru, dejjem jekk dawn il-ħtiġijiet ikunu ġew debitament innotifikati u aċċettati skond il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 3 u 4 ta' dak l-Artikolu.

(3) Fil-11 ta' Settembru 2007, il-Greċja nnotifikat xi tibdiliet fil-proċessi tagħha tal-iżnaturar, awtorizzati mir-Regolament (KE) Nru 3199/93.

(4) Il-Kummissjoni bagħtet in-notifika msemmija lill-Istati Membri l-oħra fis-27 ta' Settembru 2007.

(5) Billi la l-Kummissjoni u lanqas xi Stat Membru ieħor ma talbu li l-kwistjoni titressaq fil-Kunsill fil-perjodu taż-żmien stipulat, skond l-Artikolu 27(4) tad-Direttiva 92/83/KEE, jitqies li l-Kunsill awtorizza t-tibdiliet imsemmija fil-proċessi tad-denaturazzjoni innotifikati mill-Greċja, b'seħħ mis-27 ta' Novembru 2007.

(6) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 3199/93 għandu jiġi emendat bix-xieraq.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond il-fehma tal-Kumitat tat-Taxxi tas-Sisa,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-paragrafu li jikkonċerna lill-Greċja fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 3199/93 jinbidel b'li ġej:

"**Il-Greċja**

Alkoħol etiliku ta' kwalità baxxa (id-distillat miksub fil-bidu u fi tmiem il-proċess tad-distillazzjoni), b'saħħa alkoħolika ta' mill-inqas 93 % vol u li ma jaqbiżx 96 % vol, li miegħu jiżdiedu s-sustanzi li ġejjin għal kull ettolitru ta' alkoħol idratat ta' 93 % vol:

— Metanol: 2 litri

— Spirtu tat-terpentina: litru

— Pitrolju tal-lampi: 0,5 litru

— Metilina blu: 0,40 gramma

F'temperatura ta' 20 °C, il-prodott aħħari, fil-forma mhux mibdula tiegħu, għandu jilħaq 93 % vol."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Awwissu 2008.

*Għall-Kummissjoni*

László KOVÁCS

*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 316, 31.10.1992, p. 21. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att tal-Adeżjoni tal-2005.

[2] ĠU L 288, 23.11.1993, p. 12. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 67/2008 (ĠU L 23, 26.1.2008, p. 13).

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 850/2008

## tat-28 ta’ Awwissu 2008

## tibda l-proċedura għall-allokazzjoni ta’ liċensji tal-esportazzjoni għall-ġobon li jrid jiġi esportat għall-Istati Uniti tal-Amerika fl-2009 li jaqaw taħt ċerti kwoti tal-GATT

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 171(1) tiegħu flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) It-Taqsima 2 tal-Kapitlu III tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1282/2006 tas-17 ta’ Awwissu 2006 jippreskrivi regoli speċjali u dettaljati ta’ applikazzjoni ta’ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward il-liċensji ta’ esportazzjoni u r-rifużjonijiet ta’ esportazzjoni fuq ħalib u l-prodotti mill-ħalib ([2]), li tipprovdi li liċenzi ta’ esportazzjoni għall-ġobnijiet esportati lejn l-Istati Uniti tal-Amerika bħala parti mill-kwoti li jaqgħu taħt il-ftehim deċiż waqt in-negozjati ta’ kummerċ multilaterali, jistgħu jiġu allokati skont proċedura speċjali li permezz tagħha importaturi preferuti fl-Istati Uniti jistgħu jiġu nnominati.

(2) Dik il-proċedura ser tinfetaħ għall-esportazzjoni waqt l-2009 u ser jiġu stabbiliti.r-regoli addizzjonali relatati magħha

(3) Fl-amministrazzjoni tal-importazzjonijiet l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Uniti jagħmlu distinzjoni bejn il-kwota addizzjonali mogħtija lill-Komunità Ewropea taħt l-Uruguay Round u l-kwoti li irriżultaw mit-Tokyo Round. Il-liċenzji ta’ esportazzjoni għandhom jiġu allokati waqt li titqies l-eliġibilità ta’ dawk il-prodotti għall-kwota tal-Istati Uniti tal-Amerika kif deskritt fl-Iskeda ta’ Tariffi Armonizzati tal-Istati Uniti tal-Amerika.

(4) Sabiex tiġi esportata l-kwantità massima taħt il-kwoti li għalihom hemm interess moderat, għandhom jiġu permessi l-applikazzjonijiet li jkopru l-kwantità kollha tal-kwotà.

(5) Il-miżuri pprovduti f’dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta’ Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-liċenzji ta’ esportazzjoni għall-prodotti li jaqgħu fi ħdan il-Kodiċi NM 0406 u huma elenkati fl-Anness I ma’ dan ir-Regolament li jkunu se jiġu esportati lejn l-Istati Uniti tal-Amerika fl-2009 taħt il-kwoti msemmija fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 għandhom jiġu ppubblikati skond is-Sezzjoni 2 tal-Kapitiolu III ta’ dak ir-Regolament u bid-dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

1. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji msemmija fl-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 (minn hawn ’il quddiem imsemmija bħala “l-applikazzjonijiet”) għandhom jitressqu għand l-awtoritajiet kompetenti mill-1 sal-10 ta’ Settembru 2008.

2. L-applikazzjonijiet ikunu ammissibbi biss jekk ikun fihom l-informazzjoni kollha msemmija fl-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 u jekk ikunu akkumpanjati mid-dokumenti msemmija hemmhekk.

Fejn, għall-istess grupp ta’ prodotti msemmi fil-kolonna 2 tal-Anness I ma’ dan ir-Regolament, il-kwantità disponibbli hija maqsuma bejn il-kwota tal-Uruguay Round u l-kwota tat-Tokyo Round, l-applikazzjonijiet tal-liċenzji jistgħu jkopru biss waħda minn dawk il-kwoti u għandhom jindikaw il-kwota kkonċernata, billi jispeċifikaw l-identifikazzjoni tal-grupp u tal-kwota indikata fil-kolonna 3 ta’ dak l-Anness.

L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 għandha tiġi ppreżentata skond il-mudell stabbilit fl-Anness II ma’ dan ir-Regolament.

3. Fir-rigward tal-kwoti identifikati minn 22-Tokyo u 22-Uruguay fil-kolonna 3 tal-Anness I, l-applikazzjonijiet għandhom ikopru tal-anqas 10 tunnellati u m’għandhomx jaqbżu l-kwantità disponibbli taħt il-kwota kkonċernata kif stipulat fil-kolonna 4 ta’ dak l-Anness.

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2008 9ĠU L 149, 7.6.2008, p. 61).
([2]) ĠU L 234, 29.8.2006, p. 4. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 532/2007 (ĠU L 125, 15.5.2007, p. 7).

Fir-rigward tal-kwoti l-oħra indikati fil-kolonna 3 tal-Anness I, l-applikazzjonijiet għandhom ikopru tal-anqas 10 tunnellati u mhux aktar minn 40 % tal-kwantità disponibbli taħt il-kwota kkonċernata kif stipulat f'kolonna 4 ta' dak l-Anness.

4. L-applikazzjonijiet ser ikunu ammissibbli biss jekk l-applikanti jiddikjaraw bil-miktub li ma ressqu l-ebda applikazzjoni oħra għall-istess grupp ta' prodotti u l-istess kwota u li jaċċettaw li ma jagħmlux dan.

Jekk applikant iressaq diversi applikazzjonijiet għall-istess grupp ta' prodotti u l-istess kwota ġewwa wieħed jew aktar mill-Istati Membri, l-applikazzjonijiet kollha tiegħu għandhom ikunu meqjusa bħala inammissibbli.

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol wara li jispiċċa l-perjodu li fih ikunu jistgħu jitressqu l-applikazzjonijiet, l-applikazzjonijiet imressqa għal kull grupp ta' prodotti u, fejn applikabbli, il-kwoti indikati fl-Anness I.

In-notifiki kollha, inklużi n-notifiki "vojta", għandhom isiru permezz ta' feks jew posta elettronika fuq il-formola mudell li tidher fl-Anness III.

2. In-notifika għandha tinkludi għal kull grupp, u fejn applikabbli, għal kull kwota:

(a) lista ta' applikanti,

(b) il-kwantitajiet li kull applikant ikun applika għalihom, imqassma skont il-kodiċi tal-prodott tan-Nomenklatura Magħquda u skont il-Harmonised Tariff Schedule tal-Istati Uniti tal-Amerika (2008),

(c) l-isem u l-indirizz tal-importatur magħżul mill-applikant.

*Artikolu 4*

Il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006, għandha tistabbilixxi l-allokazzjoni tal-liċenzji mingħajr dewmien u għandha tinnotifika lill-Istati Membri dwar dan sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2008.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, fi żmien ħamest ijiem wara l-pubblikazzjoni tal-koeffiċjenti tal-allokazzjoni, dwar il-kwantitajiet allokati mill-applikant għal kull grupp, u fejn applikabbli, għal kull kwota, skond l-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006.

In-notifika għandha ssir permezz tal-feks jew posta elettronika fuq il-formola mudell li tidher fl-Anness IV ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 5*

L-informazzjoni nnotifikata taħt l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament u fl-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 għandha tkun ivverifikata mill-Istati Membri qabel ma jinħarġu l-liċenzji u sa mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru 2008.

Jekk jinstab li operatur li nħarġitlu liċenzja provviżorja, ikun ipprovda informazzjoni żbaljata, il-liċenzja għandha titħassar u tintilef il-garanzija. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw dan lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

*Artikolu 6*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Awwissu 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**Ġobon li għandu jiġi esportat għall-Istati Uniti tal-Amerika fl-2009 li jaqaw taħt ċerti kwoti tal-GATT**

*Taqsima 2 tal-Kapitlu III tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006 u r-Regolament (KE) Nru 850/2008*

| L-identifikazzjoni tal-grupp skond in-Noti Addizzjonali f'Kapitlu 4 tal-Iskeda ta' Tariffi Armonizzati tal-Istati Uniti | | Identifikazzjoni tal-grupp u l-kwota | Il-kwantità disponibbli għas-sena 2009 |
|---|---|---|---|
| Nota lill- | Grupp | | Tunnellata |
| (1) | (2) | (3) | (4) |
| 16 | Mhux speċifikament ipprovduta għall-(NSPF) | 16-Tokjo | 908,877 |
| | | 16-Urugwaj | 3 446,000 |
| 17 | Blue Mould | 17 | 350,000 |
| 18 | Cheddar | 18 | 1 050,000 |
| 20 | Edam/Gouda | 20 | 1 100,000 |
| 21 | Tip Taljan | 21 | 2 025,000 |
| 22 | Ġobon Svizzeru jew Emmenthaler barra dak li jkollu "eye formation" | 22-Tokjo | 393,006 |
| | | 22-Urugwaj | 380,000 |
| 25 | Ġobon Svizzeru jew Emmenthaler li jkollu "eye formation" | 25-Tokjo | 4 003,172 |
| | | 25-Urugwaj | 2 420,000 |

*ANNESS II*

**Preżentazzjoni tal- informazzjoni rikjesta skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006**

L-identifikazzjoni tal-grupp u tal-kwota msemmija fil-kolonna 3 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 850/2008: ☐

L-isem tal-grupp indikat fil-kolonna 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 850/2008: ..........

..........

Oriġini tal-kwota: Urugwaj Rawnd ☐ Tokjo Rawnd ☐

| L-Isem u l-indirizz tal-applikant | Kodiċi tal-prodott tan-Nomenklatura magħquda | Il-kwantità mitluba fl-applikazzjoni f'tunnellati | Tariffi Armonizzati Skeda tal- Kodiċi tal-USA | Isem u Indirizz tal-Importatur innominat |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | Total: | | | |

*ANNESS III*

**Preżentazzjoni tal-informazzjoni neċessarja skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 850/2008**

Għandu jintbagħat lill- +32 2 295 3310 jew AGRI-MILK-USA@ec.europa.eu

L-identifikazzjoni tal-grupp u tal-kwota msemmija fil-kolonna 3 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 850/2008: ☐

L-isem tal-grupp indikat fil-kolonna 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 850/2008: ..........................................................

..........................................................................................................................................................................................

Oriġini tal-kwota: Urugwaj Rawnd ☐ Ir-rawnd ta' Tokjo ☐

| Nru | Isem/Indirizz tal-applikant | Kodiċi tal-Prodotti tan-Nomenklatura Magħquda | Il-kwantità mitluba fl-applikazzjoni f'tunnellati | Tariffi Armonizzati Skeda tal- Kodiċi tal-USA | L-Isem u l-Indirizz innominat l-importatur |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | Total: | | | |
| 2 | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | Total: | | | |
| 3 | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | Total: | | | |
| 4 | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | Total: | | | |
| 5 | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | Total: | | | |

*ANNESS IV*

**Preżentazzjoni ta' liċensji mogħtija skond l-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1282/2006**

Ghandu jintbagħat lill- +32 2 295 3310 jew AGRI-MILK-USA@ec.europa.eu

| L-identifikazzjoni tal-grupp u tal-kwota msemmija fil-kolonna 3 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 850/2008: | Oriġini tal-kwota | Isem/Indirizz tal-applikant | Kodiċi tal-Prodott tan-Nomenklatura magħquda | Il-kwantità mitluba fl-applikazzjoni f'tunnellati | Isem/Indirizz tal-Importatur innominat | Kwantità Allokata (1) f'tunnellati |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Urugwaj Rawnd ☐ | | | | | |
| | | | | | | |
| | Tokjo Rawnd ☐ | | | | | |
| | | | Total: | | Total: | |
| | Urugwaj Rawnd ☐ | | | | | |
| | | | | | | |
| | Tokjo Rawnd ☐ | | | | | |
| | | | Total: | | Total: | |
| | Urugwaj Rawnd ☐ | | | | | |
| | | | | | | |
| | Tokjo Rawnd ☐ | | | | | |
| | | | Total: | | Total: | |

(1) Il-kwantitajiet allokati bix-xorti se jitqassmu bejn il-kodiċi CN individwali pproporzjonati mal-kwantitajiet tal-prodotti bil-kodiċi-CN li se ssir applikazzjoni għalihom.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 851/2008

## tat-28 ta' Awwissu 2008

## li jistipula r-rati ta' rifużjonijiet applikabbli għal ċertu prodotti mis-settur taz-zokkor esportati bħala prodotti mhux koperti minn Anness I tat-Trattat

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taz-zokkor [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2)(a) u (4),

Billi:

(1) L-Artikoli 32(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 jipprovdu li d-differenzi bejn il-prezzijiet f'kummerċ internazzjonali tal-prodotti elenkati f' Artikolu 1(1)(b), (ċ), (d), (f), u (g) ta' dak ir-Regolament u l-prezzijiet fi ħdan il-Komunità jistgħu jiġu koperti b'rifużjoni ta' esportazzjoni meta dawn il-prodotti jiġu esportati bħala prodotti elenkati fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1043/2005 ta' l-30 ta' Ġunju 2005 li jistabbilixxi regoli komuni ta' implimentazzjoni għall-għoti ta' rifużjonijiet ta' esportazzjoni fuq ċertu prodotti ta' l-agrikoltura esportati bħala prodotti mhux koperti minn Anness I tat-Trattat u l-kriterji biex jiġi stipulat l-ammont ta' dawn ir-rifużjonijiet [2], jispeċifikaw il-prodotti li għalihom trid tiġi stipulata rata ta' rifużjoni, biex tiġi applikata fejn dawn il-prodotti jiġu esportati bħala prodotti elenkati fl-Anness VII għar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

(3) Skond l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005, ir-rata ta' rifużjoni għal kull 100 kilogramma għal kull wieħed mill-prodotti bażiċi in kwestjoni għandha tiġi stipulata kull xahar.

(4) L-Artikolu 32(4) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 jistabbilixxu li r-rifużjoni ta' l-esportazzjoni għal xi prodott li jinsab fi prodott għall-konsum ma jistax jaqbeż ir-rifużjoni applikabbli għal dak il-prodott meta esportat mingħajr iżjed ipproċessar.

(5) Ir-rifużjonijiet stipulati minn dan ir-Regolament jistgħu jiġu stipulati bil-quddiem peress li s-sitwazzjoni tas-suq fix-xhur li ġejjin ma tistax tiġi stipulata bħalissa.

(6) L-obbligi dwar rifużjonijiet li jistgħu jingħataw għall-esportazzjoni ta' prodotti ta' l-agrikoltura li jinsabu fi prodotti għall-konsum mhux koperti b'Anness I tat-Trattat jistgħu jkunu pperikolati jekk jiġu stipulati bil-quddiem rati għoljin ta' rifużjoni. Huwa għalhekk meħtieġ li jittieħdu l-miżuri kawtelatorji f'tali sitwazzjonijiet mingħajr, iżda, ma titfixkel il-konklużjoni ta' kuntratti fit-tul. L-istipular ta' rata speċifika ta' rifużjoni għal stipular bil-quddiem ta' rifużjonijiet hija miżura biex jintlaħqu dawn l-għanijiet varji.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taz-zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-rati ta' rifużjonijiet applikabbli għal prodotti bażiċi elenkati fl-Anness A tar-Regolament (KE) Nru 1043/2005 u fl-Artikolu 1(1) u fil-punt (1) tar-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, u esportati bħala prodotti elenkati fl-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, huma stipulati kif imniżżla fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-29 ta' Awwissu 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Awwissu 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Heinz ZOUREK

*Direttur Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija*

---

[1] ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1260/2007 (ĠU L 283, 27.10.2007, p. 1). Ir-Regolament (KE) Nru 318/2006 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Ottubru 2008.

[2] ĠU L 172, 5.7.2005, p. 24. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 639/2008 (ĠU L 178, 5.7.2008, p. 9).

*ANNESS*

**rati ta' rifużjonijiet applikabbli mid-29 ta' Awwissu 2008 għal ċertu prodotti mis-settur taz-zokkor esportati bħala prodotti mhux koperti minn Anness I tat-Trattat** ([1])

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Rata ta' rifużjoni f'EUR/100 kg | |
|---|---|---|---|
| | | F'każ ta' stipular bil-quddiem ta' rifużjonijiet | Ohra |
| 1701 99 10 | Zokkor abjad: | 14,96 | 14,96 |

([1]) Ir-rati stipulati f'dan l-Anness ma japplikawx għall-esportazzjonijiet lejn

(a) pajjiżi terzi: l-Andorra, Liechtenstein, is-Santa Sede (il-Belt tal-Vatikan), il-Kroazja, il-Bożnja u Ħerzegovina, is-Serbja, il-Kosovo (*), il-Montenegro, l-Albanija u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, u l-oġġetti mniżżla fit-Tabelli I u II tal-Protokoll 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera tat-22 ta' Lulju 1972 esportati lill-Konfederazzjoni Żvizzera.

(b) territorji ta' l-Istati Membri ta' l-UE li ma jiffurmawx parti mit-territorju dogonali tal-Komunità: il-Gżejjer Faroe, il-Groenlandja, Heligoland, Ceuta, Melilla, il-Komuni ta' Livigno u Campione fl-Italja u l-partijiet tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll.

(ċ) territorji Ewropej li r-relazzjonijiet barranin tagħhom huma r-responsabbiltà ta' Stat Membru u li ma jiffurmawx parti mit-territorju dogonali tal-Komunità: Ġibiltà.

(*) Hekk kif definit bir-Reżoluzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-10 ta' Ġunju 1999.

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIM INTERNAZZJONALI

It-testi oriġinali UN/ECE biss għandhom effett legali skond id-dritt pubbliku internazzjonali. L-istatus u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ċċekkjati fl-aktar verżjoni reċenti tad-dokument ta' l-istatus TRANS/WP.29/343, disponibbli fuq: http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocstts.html

## Regolament Nru 117 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE) – Dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tat-tajers rigward l-emissjonijiet ta' ħoss ta' rrolljar u l-adeżjoni fuq superfiċji mxarrbin

Li jinkorpora t-test validu kollu sa:

Is-serje 01 ta' emendi – Id-data tad-dħul fis-seħħ: it-2 ta' Frar 2007

*Corrigendum* 1 għas-serje 01 ta' emendi, bħala ħsara għan-Notifika Depożitarja C.N.554.2007.TREATIES-1 iddatata -9 ta' Mejju 2007

WERREJ

REGOLAMENT


1. L-ambitu
2. Id-definizzjonijiet
3. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni
4. L-immarkar
5. L-approvazzjoni
6. L-ispeċifikazzjonijiet
7. Il-modifikazzjonijiet tat-tip ta' tajer pnewmatiku u l-estensjoni ta' l-approvazzjoni
8. Il-konformità tal-produzzjoni
9. Il-pieni għan-nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni
10. Produzzjoni mwaqqfa għalkollox
11. L-ismijiet u l-indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet ta' l-approvazzjoni u tad-Dipartimenti Amministrattivi
12. Id-dispożizzjonijiet introduttorji


ANNESSI


Anness 1 – Komunikazzjoni li tikkonċerna l-approvazzjoni jew l-estensjoni jew ir-rifjut jew l-irtirar ta' approvazzjoni jew produzzjoni mwaqqfa għal kollox ta' tip ta' tajer rigward il-"livell ta' emissjonijiet ta' ħoss ta' rrolljar" u l-"prestazzjoni ta' l-adeżjoni fuq superfiċji mxarrbin" skond ir-Regolament Nru 117

Anness 2 – L-arranġament tal-marki ta' approvazzjoni

Appendiċi 1 – L-approvazzjoni skond ir-Regolament Nru. 117 litikkoniċidi ma' l-approvazz-joni mar-Regolamenti Nri 30 jew 54

Appendiċi 2 – L-estensjonijiet biex ikunu kkombinati l-approvazzjonijiet maħruġa skond ir-Regolamenti Nri 117, 30 jew 54

Anness 3 – Il-metodu tat-test ta' sewqan bil-magna mitfija għall-kejl ta' l-emissjoni ta' ħoss ta' rrolljar tat-tajers

Appendiċi – Ir-rapport tat-test

Anness 4 – L-ispeċifikazzjonijiet għas-sit tat-test

Anness 5 – Il-proċedura tat-test biex titkejjel il-qabda fuq l-imxarrab

Appendiċi – Ir-rapport tat-test

1. L-AMBITU

1.1. Dan ir-Regolament japplika għat-tajers b'rigward l-emissjonijiet ta' ħsejjes tagħhom u għat-tajers tal-Klassi C1 għall-vetturi tal-kategorija $M_1$, $N_1$, $O_1$ jew $O_2$ ([1]) b'rigward il-prestazzjoni ta' l-adeżjoni fuq superfiċji mxarrbin (adeżjoni ma' l-imxarrab). Madankollu, ma japplikax għal:

1.1.1. Tajers iddisinjati bħala "stepnijiet għal użu temporanju" u mmarkati "*Temporary use only* (Użu temporanju biss)";

1.1.2. Tajers li jkollhom kodiċi tad-dijametru nominali tar-rimm ≤ 10 (jew ≤ 254 mm) jew ≥ 25 (jew ≥ 635 mm);

1.1.3. Tajers iddisinjati għall-kompetizzjonijiet;

1.1.4. Tajers maħsuba biex jitwaħħlu fuq vetturi tat-triq ta' kategoriji għajr għal M, N u O;

1.1.5. Tajers mgħammra b'apparat addizzjonali sabiex itejbu l-proprjetajiet ta' trazzjoni (eż. tajers bit-tappini – *studded tyres*);

1.1.6. Tajers b'kategorija ta' veloċità inqas minn 80 km/h (F).

1.2. Il-Partijiet Kontraenti għandhom joħorġu jew jaċċettaw approvazzjonijiet għall-ħoss ta' rrolljar u għall-adeżjoni ma' l-imxarrab sakemm ma jinnotifikawx lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti bl-għażla tal-ħoss ta' rrolljar biss. Tali notifika għandu jkollha effett skond il-perjodi ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 1, il-paragrafi 6 u 7 tal-Ftehim ta' l-1958 (E/ECE/TRANS/505/Rev.2).

2. ID-DEFINIZZJONIJIET

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, minbarra d-definizzjonijiet inklużi fir-Regolamenti (KEE) Nri 30 u 54, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin.

2.1. "Tip ta' tajer" tfisser, b'rigward għal dan ir-Regolament, firxa ta' tajers li tikkonsisti minn lista ta' denominazzjonijiet ta' daqsijiet, ismijiet ta' marki u deskrizzjonijiet kummerċjali ta' tajers, li ma jvarjawx f'tali karatteristiċi essenzjali bħal:

(a) Isem il-manifattur;

(b) Il-klassi tat-tajer (ara l-paragrafu 2.4.);

(c) L-istruttura tat-tajer;

(d) Il-kategorija ta' l-użu: tajer normali, tajer għal użu speċjali u tajer għas-silġ;

(e) Għat-tajers tal-Klassi C1:

(i) F'każ ta' tajers imressqa għall-approvazzjoni tal-livelli ta' emissjoni ta' ħoss ta' rrolljar, jekk ikunux normali jew rinforzati (jew tagħbija żejda);

(ii) F'każ ta' tajers imressqa għall-approvazzjoni tal-prestazzjoni ta' l-adeżjoni fuq superfiċji mxarrbin, jekk ikunux tajers normali jew għas-silġ b'kategorija tal-veloċità ta' Q jew aktar baxxa (160 km/h) jew kategorija tal-veloċità R u ogħla inkluża H (≥ 170 km/h);

(f) Id-disinn fil-kompożizzjoni tal-parti tat-tajer li tmiss l-art (ara l-paragrafu 3.2.1.).

([1]) Kif ġew definiti fl-Anness 7 għar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), (dokument TRANS/WP.29/78/Rev.1/Emend.2 kif ġie emendat l-aħħar bl-Emenda 4).

2.2. L-"Isem tal-marka" jew id-"Deskrizzjoni kummerċjali" tfisser l-identifikazzjoni tat-tajer kif tingħata mill-manifattur tat-tajer. L-Isem tal-marka jista' jkun l-istess bħal dak tal-manifattur u d-Deskrizzjoni kummerċjali tista' tikkoniċidi mat-trejdmark.

2.3. "Emissjoni ta' ħoss ta' rrolljar" tfisser il-ħoss tall-kuntatt bejn it-tajers f'moviment u l-wiċċ tat-triq.

2.4. Il-"Klassi tat-Tajer" tfisser wieħed mill-iggruppar li ġejjin:

2.4.1. Tajers tal-Klassi C1: Tajers li jkunu konformi mar-Regolament (KEE) Nru 30;

2.4.2. Tajers tal-Klassi C2: Tajers li jkunu konformi mar-Regolament (KEE) Nru. 54 u identifikati tajers: Tajers konformi mar-Regolament (KEE) Nru 54 u identifikat minn indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija f'formazzjoni waħda aktar baxx minn jew ta' 121 u minn simbolu tal-kategorija tal-veloċità ogħla minn jew ugwali għal "N";

2.4.3. Tajers tal-Klassi C3: Tajers li jkunu konformi mar-Regolament (KEE) Nru 54 u li jiġu identifikati minn:

(a) Indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija f'formazzjoni waħda ogħla minn jew ta' 122; jew

(b) Indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija f'formazzjoni waħda aktar baxx minn jew ta' 121 u simbolu tal-kategorija tal-veloċità aktar baxx jew ugwali għal"M".

2.5. "Daqs rappreżentattiv tat-tajer" tfisser id-daqs tat-tajer li jitressaq għat-test deskritt fl-Anness 3 għal dan ir-Regolament rigward l-emissjonijiet ta' ħoss ta' rrolljar, u fl-Anness 5 għall-adeżjoni fuq superfiċji mxarrbin, sabiex tkun evalwata l-konformità għall-approvazzjoni tat-tip ta' tajer.

2.6. "Stepni għal użu temporanju" tfisser tajer differenti minn tajer maħsub biex jitwaħħal fuq kwalunkwe vettura għal kundizzjonijiet normali ta' sewqan; imma maħsub biss għal użu temporanju f'kundizzjonijiet ristretti ta' sewqan.

2.7. "Tajers iddisinjati għall-kompetizzjoni" tfisser tajers maħsuba biex jitwaħħlu fuq vetturi involuti f'kompetizzjoni sportiva motorizzata u mhux maħsuba għal użu mhux kompetittiv fit-toroq.

2.8. "Tajer normali" tfisser tajer maħsub għal użu normali, ta' kuljum, fit-toroq.

2.9. "Tajer għal użu speċjali" tfisser tajer maħsub għal użu mħallat kemm fit-toroq kif ukoll mhux fit-toroq jew għal użu speċjali ieħor.

2.10. "Tajer għas-silġ" tfisser tajer li d-disinn fil-kompożizzjoni tal-parti tat-tajer li tmiss l-art, il-kompost fil-kompożizzjoni tal-parti tat-tajer li tmiss l-art jew l-istruttura tiegħu huwa primarjament iddisinjat sabiex f'kundizzjonijiet ta' silġ jikseb prestazzjoni aħjar minn dik ta' tajer normali rigward il-ħila tiegħu li jibda jew iżomm il-moviment tal-vettura.

2.11. "Adeżjoni fuq superfiċji mxarrbin" tfisser il-prestazzjoni relattiva ta' l-ibbrejkjar, fuq superfiċje mxarrba, ta' vettura tat-test mgħammra bit-tajer kandidat għal paragun ma' dak ta' l-istess vettura tat-test mgħammra b'tajer ta' referenza (SRTT).

2.12. "Tajer tat-test standard u ta' referenza (SRTT)" tfisser tajer li jiġi prodott, ikkontrollat u maħżun skond l-istandard E 1136-93 (approvat mill-ġdid fl-1998) tas-Soċjetà Amerikana għall-Ittestjar u għall-Materjali (ASTM).

2.13. "Tajer kandidat" tfisser tajer, rappreżentattiv tat-tip, li jitressaq għall-approvazzjoni skond dan ir-Regolament.

2.14. "Tajer ta' kontroll" tfisser tajer ta' produzzjoni normali li jintuża sabiex jistabbilixxi r-rendiment tal-qabda fuq l-imxarrab tad-daqsijiet tat-tajers li ma jkunux jistgħu jitwaħħlu fuq l-istess vettura bħat-tajer tat-test standard u ta' referenza – ara l-paragrafu 2.2.2.16. ta' l-Anness 5 għal dan ir-Regolament.

2.15. L-"indiċi tal-qabda fuq l-imxarrab ('G')" tfisser il-proporzjon bejn il-prestazzjoni tat-tajer kandidat u l-prestazzjoni tat-tajer tat-test standard u ta' referenza.

2.16. Il-"koeffiċjent ta' l-akbar forza tal-brejkjiet ('pbfc')" tfisser il-valur massimu tal-proporzjoni tal-forza ta' l-ibbrejkjar mat-tagħbija vertikali fuq it-tajer qabel ma tiġi llokkjata r-rota.

2.17. Id-"diċelerazzjoni intermedja żviluppata b'mod sħiħ ('mfdd')" tfisser id-diċelerazzjoni medja kkalkulata fuq il-bażi tad-distanza mkejla rreġistata meta vettura tiġi diċelerata bejn żewġ veloċitajiet speċifiċi.

2.18. L-"għoli ta' l-igganċjar (ganċ)" tfisser l-għoli meta mkejjel b'mod perpendikulari miċ-ċentru tal-punt ta' artikulazzjoni ta' l-igganċjar ta' l-irmonk tat-trejler jew tal-ganċ sa l-art, meta l-vettura ta' l-irmonk u t-trejler ikunu ggançjati flimkien. Il-vettura u t-trejler iridu jkunu weqfin fuq wiċċ pavimentat invell fil-modalità tat-test tagħhom kompluti bit-tajer(s) xieraq(xierqa) li għandu(hom) jintuża(w) fit-test partikolari.

3. L-APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI

3.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' tajer b'rigward dan ir-Regolament għandha titressaq mill-manifattur tat-tajer jew mir-rappreżentant akkreditat b'mod xieraq tiegħu. Din għandha tispeċifika:

3.1.1. Il-karatteristiċi tal-prestazzjoni li għandhom jiġu evalwati għat-tip ta' tajer; il-"livell ta' emissjonijiet ta' ħoss ta' rrolljar" jew il-"livell tal-prestazzjoni ta' l-adeżjoni fuq superfiċji mxarrbin u l-livell ta' emissjonijiet ta' ħoss ta' rrolljar";

3.1.2. Isem il-manifattur;

3.1.3. L-isem u l-indirizz ta' l-applikant;

3.1.4. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) tal-manifattura;

3.1.5. L-isem(ismijiet) tal-marka, id-deskrizzjoni(jiet) kummerċjali, it-trejdmark(s);

3.1.6. Il-klassi tat-tajers (Klassi C1, C2 jew C3) (ara l-paragrafu 2.4. ta' dan ir-Regolament);

3.1.6.1. Il-firxa tal-wisa' tas-sezzjoni għat-tajers tal-Klassi C1 (ara l-paragrafu 6.1.1. ta' dan ir-Regolament);

*NOTA:* Din l-informazzjoni hija meħtieġa biss għall-approvazzjoni rigward il-livell ta' emissjonijiet ta' ħoss ta' rrolljar.

3.1.7. L-istruttura tat-tajer;

3.1.8. Għat-tajers tal-Klassi C1, iddikjara jekk ikunux:

(a) Rinforzati (jew tagħbija żejda) f'każ ta' approvazzjoni rigward il-livell ta' emissjonijiet ta' ħoss ta' rrolljar;

(b) Is-simbolu tal-kategorija tal-veloċità "Q" jew aktar baxx (mhux inkluża "H") jew "R" u ogħla (inkluża "H") fil-każ ta' tajers "għas-silġ" għal approvazzjoni rigward l-adeżjoni fuq superfiċji mxarrbin;

3.1.9. Il-kategorija ta' l-użu (normali, għas-silġ jew speċjali);

3.1.10. Lista ta' denominazzjonijiet ta' daqsijiet ta' tajers koperti minn din l-applikazzjoni.

3.2. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni għandha tkun akkumpanjata (tliet kopji) minn:

3.2.1. Dettalji tal-karatteristiċi ewlenin, rigward l-effetti fuq ir-rendiment tat-tajers (jiġifieri, l-livell ta’ emissjonijiet ta’ ħoss ta’ rrolljar jew l-adeżjoni fuq superfiċji mxarrbin, rispettivament) tad-disinn(-disinji) fil-kompożizzjoni tal-parti tat-tajer li tmiss l-art li għandu(hom) jintuża(w) fuq il-firxa magħżula tad-daqsijiet tat-tajers. Dan jista’ jsir bi tpinġija, ritratt jew deskrizzjoni, imma jrid ikun biżżejjed sabiex l-awtorità ta’ l-approvazzjoni tat-tip jew is-servizz tekniku tkun tista’ tiddetermina jekk kwalunkwe bidla sussegwenti fil-karatteristiċi ewlenin hix se taffetwa ħażin lill-prestazzjoni tat-tajer. L-effetti tal-bidliet f’dettalji minuri tal-kostruzzjoni tat-tajer fuq il-prestazzjoni tat-tajers se jkun evidenti u se jiġi ddeterminat waqt il-kontrolli tal-konformità tal-produzzjoni;

3.2.2. Tpinġijiet jew ritratti tan-naħa tal-ġenb tat-tajer, li juru l-informazzjoni mogħtija fil-paragrafu 3.1.4. t’aktar ’il fuq u l-immarkar ta’ approvazzjoni li jissemma fil-paragrafu 5., għandhom jitressqu ladarba tkun ġiet stabbilita l-produzzjoni, imma mhux aktar tard minn sena wara d-data ta’ l-għoti ta’ l-approvazzjoni tat-tip.

3.3. Fuq it-talba ta’ l-awtorità ta’ l-approvazzjoni tat-tip, l-applikant għandu jressaq kampjuni ta’ tajers għat-test jew kopji ta’ rapporti tat-test mis-servizzi tekniċi, ikkomunikati skond il-paragrafu 11. ta’ dan ir-Regolament.

3.4. Rigward l-applikazzjoni l-ittestjar jista’ jkun limitat għal għażla ta’ l-agħar każ, fid-diskrezzjoni ta’ l-awtorità ta’ l-approvazzjoni tat-tip jew tas-servizz tekniku magħżul.

3.5. Il-laboratorji u l-faċilitajiet tat-testijiet ta’ manifattur tat-tajers jistgħu jingħażlu bħala laboratorju approvat u waqt kwalunkwe test, l-awtorità ta’ l-approvazzjoni tat-tip għandu jkollha l-possibbiltà li tkun irrappreżentata.

4. L-IMMARKAR

4.1. It-tajers kollha li jikkostitwixxu t-tip ta’ tajer jridu jkunu mmarkati kif ġie preskritt jew mir-Regolament (KEE) Nru 30 jew mir-Regolament (KEE) Nru 54, skond kif ikun applikabbli.

4.2. B’mod partikolari, it-tajers irid ikollhom fuqhom:

4.2.1. L-isem jew it-trejdmark tal-manifattur;

4.2.2. Id-deskrizzjoni kummerċjali (ara l-paragrafu 2.2.). Madankollu, id-deskrizzjoni kummerċjali mhix meħtieġa meta tikkoniċidi mat-trejdmark;

4.2.3. Id-denominazzjoni tad-daqs tat-tajer;

4.2.4. Il-kitba “REINFORCED” (jew alternattivament “EXTRA LOAD”) jekk it-tajer ikun ġie kklassifikat bħal rinforzat;

4.2.5. Il-kitba “M+S” (jew alternattivament “M.S” jew “M&S”) jekk it-tajer ikun ġie kklassifikat fil-kategorija ta’ l-użu “għas-silġ”;

4.2.6. Il-kitba “MPT” (jew alternattivament “ML” jew “ET”) jekk it-tajer ikun ġie kklassifikat fil-kategorija ta’ l-użu “speċjali”.

4.3. It-tajers għandhom jipprovdu spazju adegwat għall-marka ta’ approvazzjoni kif jintwera fl-Anness 2 għal dan ir-Regolament.

4.4. Il-marka ta’ approvazzjoni għandha tkun ifformata fi jew fuq in-naħa tal-ġenb tat-tajer, għandha tkun tista’ tinqara b’mod ċar u għandha tkun fin-naħa t’isfel tat-tajer fuq għallinqas wieħed mill-ġnub.

4.4.1. Madankollu, fil-każ ta’ tajers identifikati bis-simbolu tal-konfigurazzjoni ta’ l-installazzjoni tat-tajer mar-rimm “A”, l-immarkar jista’ jkun fi kwalunkwe post fuq barra tal-ħajt tal-ġenb tat-tajer.

5. L-APPROVAZZJONI

5.1. Jekk id-daqs rappreżentattiv tat-tajer tat-tip ta' tajer imressaq għall-approvazzjoni skond dan ir-Regolament jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafi 6 u 7 t'aktar 'l isfel, għandha tingħata l-approvazzjoni ta' dak it-tip ta' tajer.

5.2. Għandu jkun assenjat numru ta' approvazzjoni lit-tip ta' tajer approvat. L-istess Parti Kontraenti ma tistax tassenja l-istess numru lil tip ta' tajer ieħor.

5.3. L-avviż ta' l-approvazzjoni jew ta' l-estensjoni ta' l-approvazzjoni jew tar-rifjut ta' l-approvazzjoni skond dan ir-Regolament għandu jkun ikkomunikat lill-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formola li tkun konformi mal-mudell fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

5.3.1. Il-manifatturi tat-tajers għandhom il-jedd li jibgħatu applikazzjoni għall-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip għar-rekwiżiti ta' regolamenti oħrajn rilevanti għat-tip ta' tajer. F'dak il-każ, kopja tal-komunikazzjoni(jiet) rilevanti ta' l-approvazzjoni tat-tip, kif maħruġa mill-awtorità ta' l-approvazzjoni tat-tip rilevanti, għandha tkun mehmuża ma' l-applikazzjoni għall-estensjoni ta' l-approvazzjoni. L-applikazzjonijiet kollha għall-estensjoni ta' l-approvazzjoni(jiet) għandhom jingħataw biss mill-awtorità ta' l-approvazzjoni tat-tip li tkun ħarġet l-approvazzjoni oriġinali għat-tajer.

5.3.1.1. Meta tingħata estensjoni ta' l-approvazzjoni sabiex tkun inkorporata fiċ-ċertifikazzjoni(jiet) tal-formola ta' komunikazzjoni (ara l-Anness 1 għal dan ir-Regolament) ta' konformità mar-regolamenti l-oħra, in-numru ta' approvazzjoni fuq il-formola ta' komunikazzjoni għandu jkun supplimentat minn suffiss(i) sabiex ikun(u) identifikat(i) r-regolament(i) partkolari u l-preskrizzjonijiet tekniċi li ġew inkorporati mill-estensjoni ta' l-approvazzjoni. Rigward kull suffiss partikolari, in-numru(i) ta' l-approvazzjoni tat-tip speċifiku(ċi) u r-Regolament innifsu għandhom jiġu miżjuda mal-paragrafu 9. tal-formola ta' komunikazzjoni.

5.3.1.2. Is-suffiss għandu jidentifika s-serje ta' emendi tal-preskrizzjoni dwar ir-rendimenti tat-tajers għar-Regolament rilevanti (eż. S01 jew SW01 biex tkun identifikata l-ewwel serje ta' emendi dwar l-emissjonijiet ta' ħoss ta' rrolljar tat-tajer mat-triq jew kemm l-emissjonijiet ta' ħoss ta' rrolljar tat-tajer mat-triq kif ukoll l-adeżjoni tat-tajer mas-superfiċji mxarrbin). Jekk ir-Regolament rilevanti jkun fil-forma oriġinali tiegħu, m'għandha tkun meħtieġa l-ebda identifikazzjoni tas-serje ta' emendi.

5.3.2. Is-suffissi li ġejjin diġà ġew riservati sabiex jidentifikaw regolamenti speċifiċi dwar il-parametri tar-rendiment tat-tajers:

S biex tkun identifikata konformità addizzjonali mar-rekwiżiti dwar l-emissjonijiet ta' ħoss ta' rrolljar tat-tajers;

W biex tkun identifikata konformità addizzjonali mar-rekwiżiti dwar l-adeżjoni tat-tajers ma' superfiċji mxarrbin.

Suffissi oħrajn se jiġu ddefiniti skond il-ħtieġa.

5.4. Fl-ispazju li jissemma fil-paragrafu 4.3. u skond ir-rekwiżiti tal-paragrafu 4.4., ma' kull daqs ta' tajer, skond it-tip ta' tajer approvat skond dan ir-Regolament, għandha titwaħħal marka internazzjonali ta' approvazzjoni li tikkonsisti minn:

5.4.1. Ċirku madwar l-ittra "E" segwit min-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta l-approvazzjoni [1]; u

(1) 1 għall-Ġermanja, 2 għal Franza, 3 għall-Italja, 4 għall-Olanda, 5 għall-Iżvezja, 6 għall-Belġju, 7 għall-Ungerija, 8 għar-Repubblika Ċeka, 9 għal Spanja, 10 għas-Serbja, 11 għar-Renju Unit, 12 għall-Awstrija, 13 għal-Lussemburgu, 14 għall-Iżvizzera, 15 (battal), 16 għan-Norveġja, 17 għall-Finlandja, 18 għad-Danimarka, 19 għar-Rumanija, 20 għall-Polonja, 21 għall-Portugall, 22 għall-Federazzjoni Russa, 23 għall-Greċja, 24 għall-Irlanda, 25 għall-Kroazja, 26 għas-Slovenja, 27 għas-Slovakkja, 28 għall-Belarus, 29 għall-Estonja, 30 (battal), 31 għall-Bożnja u Ħerzegovina, 32 għal-Latvja, 33 (battal), 34 għall-Bulgarija, 35 (battal), 36 għal-Litwanja, 37 għat-Turkija, 38 (battal), 39 għall-Ażerbajġan, 40 għall-eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, 41 (battal), 42 għall-Komunità Ewropea (L-approvazzjonijiet jingħataw mill-Istati Membri tagħha li jużaw is-simbolu KEE rispettiv tagħhom), 43 għall-Ġappun, 44 (battal), 45 għall-Awstralja, 46 għall-Ukraina, 47 għall-Afrika t'Isfel, 48 għal New Zealand, 49 għal Ċipru, 50 għal Malta, 51 għar-Repubblika tal-Korea, 52 għall-Malażja, 53 għat-Tajlandja, 54 u 55 (battala) u 56 għall-Montenegro. In-numri sussegwenti għandhom jiġu assenjati lil pajjiżi oħra fl-ordni kronoloġiku li bih jirratifikaw jew jaderixxu mal-Ftehim li jikkonċerna l-Adozzjoni ta' Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi għall-Vetturi bir-Roti, għat-Tagħmir u għall-Partijiet li jistgħu Jitwaħħlu ma' u/jew Jintużaw f'Vetturi bir-Roti u l-Kundizzjonijiet għar-Rikonoxximent Reċiproku ta' l-Approvazzjonijiet Mogħtija Abbażi ta' dawn il-Preskrizzjonijiet, u n-numri assenjati b'dan il-mod għandhom jiġu kkomunikati mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti lill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim.

5.4.2. In-numru ta' approvazzjoni, segwit mis-suffiss(i) "S" jew "SW", imqiegħed(imqiegħda) fuq il-lemin (jew taħt) taċ-ċirku preskritt fil-paragrafu 5.4.1., jekk ikunu parti mill-approvazzjoni oriġinali. Jekk l-approvazzjoni tiġi estiża wara l-approvazzjoni oriġinali, is-sinjal ta' żieda "+" għandu jitqiegħed quddiem l-"S" jew "SW" sabiex jindika estensjoni ta' l-approvazzjoni.

5.4.3. Is-suffiss(i) u l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe serje rilevanti ta' emendi, jekk ikun hemm, kif ġie speċifikat fil-formola ta' komunikazzjoni.

5.4.4. L-immarkar fuq in-naħat tal-ġenb tat-tajer b'suffiss(i) għan-numru ta' approvazzjoni jneħħi r-rekwiżit għal kwalunkwe mmarkar addizzjonali fuq it-tajer tan-numru ta' approvazzjoni tat-tip speċifiku għal konformità mar-regolament(i) li għalih(om) jirreferi s-suffiss, skond il-paragrafu 5.3.2. t'aktar 'il fuq.

5.5. Jekk it-tajer ikun konformi ma' l-approvazzjonijiet tat-tip skond regolament wieħed jew aktar anness mal-Ftehim fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skond dan ir-Regolament, is-simbolu preskritt fil-paragrafu 5.4.1. mhemmx għalfejn jiġi ripetut. F'każ bħal dan, in-numri u s-simboli addizzjonali tar-Regolamenti kollha li skond tagħhom ngħataw l-approvazzjonijiet fil-pajjiż li ta l-approvazzjoni skond dan ir-Regolament, għandhom jitqiegħdu ħdejn is-simbolu preskritt fil-paragrafu 5.4.1. t'aktar 'il fuq.

5.6. L-Anness 2 għal dan ir-Regolament jagħti eżempji ta' l-arranġamenti tal-marki ta' approvazzjoni.

6. L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET

6.1. Il-limiti ta' l-emissjonijiet ta' ħoss ta' rrolljar, kif imkejla bil-metodu deskritt fl-Anness 3 għal dan ir-Regolament.

6.1.1. Għat-tajers tal-Klassi C1, il-valur ta' l-emissjonijiet ta' ħoss ta' rrolljar m'għandux ikun ogħla mill-valuri mogħtija hawn taħt. Dawn il-valuri japplikaw kemm għal tajers normali kif ukoll għal tajers għas-silġ u jirreferu għall-wisa' nominali tas-sezzjoni kif tingħata fil-paragrafu 2.17.1.1. tar-Regolament Nru 30:

| Il-Wisa' Nominali tas-Sezzjoni | Il-Limitu dB(A) |
|---|---|
| 145 u aktar baxxa | 72 |
| Aktar minn 145 sa165 | 73 |
| Aktar minn 165 sa 185 | 74 |
| Aktar minn 185 sa 215 | 75 |
| Aktar minn 215 | 76 |

6.1.1.1. Fil-każ ta' tajers tal-Klassi C1 "Rinforzati" (jew Tagħbija Żejda) (ara l-paragrafu *4.2.4. t'aktar 'il fuq*), il-limiti tal-paragrafu 6.1.1. għandhom jiġu miżjuda b'1 dB(A).

6.1.1.2. Fil-każ tat-tajers tal-Klassi C1 ikklassifikati fil-kategorija ta' l-użu "Speċjali" (ara l-paragrafu 4.2.6. t'aktar 'il fuq), il-limiti tal-paragrafu 6.1.1. għandhom jiġu miżjuda b'2 dB(A).

6.1.2. Għat-tajers tal-Klassi C2, il-valur ta' l-emissjonijiet ta' ħoss ta' rrolljar b'referenza għall-kategorija ta' l-użu tagħhom (ara l-paragrafu 2.1. t'aktar 'il fuq) m'għandux jeċċedi:

| Il-kategorija ta' l-użu | Il-limitu dB(A) |
|---|---|
| Normali | 75 |
| Għas-Silġ | 77 |
| Speċjali | 78 |

6.1.3. Għat-tajers tal-Klassi C3, il-valur ta' l-emissjonijiet ta' ħoss ta' rrolljar b'referenza għall-kategorija ta' l-użu tagħhom (ara l-paragrafu 2.1. t'aktar 'il fuq) m'għandux jaqbeż:

| Il-kategorija ta' l-użu | Il-limitu dB(A) |
|---|---|
| Normali | 76 |
| Għas-Silġ | 78 |
| Speċjali | 79 |

6.2. Ir-rendiment tal-qabda fuq l-imxarrab se jkun ibbażat fuq proċedura li tipparaguna jew il-koeffiċjent ta' l-akbar forza tal-brejkijet ("pbfc") jew id-diċelerazzjoni intermedja żviluppata b'mod sħiħ ("mfdd") kontra l-valuri miksuba minn tajer tat-test standard u ta' referenza (SRTT). Il-prestazzjoni relattiva għandha tkun indikata minn indiċi tal-qabda fuq l-imxarrab (G).

6.2.1. Għat-tajers tal-Klassi C1, ittestjati skond kwalunkwe waħda mill-proċeduri mogħtija fl-Anness 5 għal dan ir-Regolament, it-tajer għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

| Il-kategorija ta' l-użu | L-indiċi tal-qabda fuq l-imxarrab (G) |
|---|---|
| tajer għas-silġ b'simbolu tal-veloċità ("Q" jew aktar baxx imma mhux "H") li jindika veloċità massima permessibbli mhux akbar minn 160 km/h | ≥ 0,9 |
| tajer għas-silġ b'simbolu tal-veloċità ("R" u ogħla, flimkien ma' "H") li jindika veloċità massima permessibbli akbar minn 160 km/h | ≥ 1,0 |
| tajer normali (tip għat-triq) | ≥ 1,1 |

7. IL-MODIFIKAZZJONIJIET TAT-TIP TA' TAJER PNEWMATIKU U L-ESTENSJONI TA' L-APPROVAZZJONI

7.1. Kull modifikazzjoni tat-tip ta' tajer li tista' tinfluwenza l-karatteristiċi tar-rendiment approvati skond dan ir-Regolament, għandha tkun innotifikata lill-awtorità ta' l-approvazzjoni tat-tip li tkun approvat it-tip ta' tajer. L-awtorità tista' jew:

7.1.1. Tqis li l-modifikazzjonijiet mhux probabbli li jkollhom kwalunkwe effett ħażin apprezzabbli fuq il-karatteristiċi tal-prestazzjoni approvati u li t-tajer se jkun konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament; jew

7.1.2. Teħtieġ li jitressqu aktar kampjuni biex jiġu ttestjati jew teħtieġ aktar rapporti tat-test mingħand is-servizz tekniku magħżul.

7.1.3. Konferma jew rifjut ta' l-approvazzjoni, fejn jiġu speċifikati l-modifikazzjonijiet, għandha tkun ikkomunikata skond il-proċedura mogħtija fil-paragrafu 5.3. ta' dan ir-Regolament lill-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament.

7.1.4. L-awtorità ta' l-approvazzjoni tat-tip li tagħti l-estensjoni ta' l-approvazzjoni għandha tassenja numru serjali għal tali estensjoni li għandu jintwera fuq il-formola ta' komunikazzjoni.

8. IL-KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

Il-proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni għandhom ikunu konformi ma' dawk stabbiliti fl-Appendiċi 2 għall-Ftehim (E/ECE/324-E/ECE/TRANS/505/Rev.2), bir-rekwiżiti li ġejjin:

8.1. Kwalunkwe tajer approvat skond dan ir-Regolament għandu jkun immanifatturat b'tali mod li jkun konformi mal-karatteristiċi tar-rendiment tat-tip ta' tajer approvat u jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 6. t'aktar 'il fuq;

8.2. Sabiex tkun ivverifikata l-konformità kif ġie preskritt fil-paragrafu 8.1. t'aktar 'il fuq, mill-produzzjoni serjali għandu jittieħed kampjun mhux sistematiku ta' tajers li jkollhom fuqhom il-marka ta' approvazzjoni meħtieġa minn dan ir-Regolament. Il-frekwenza normali ta' verifika tal-konformità tal-produzzjoni għandha tkun mill-inqas ta' darba kull sentejn;

8.2.1. Fil-każ ta' verifiki rigward l-approvazzjonijiet skond il-paragrafu 6.2., dawn għandhom jitwettqu billi tintuża l-istess proċedura (ara l-Anness 5 għal dan ir-Regolament) bħal dik li ġiet adottata għall-approvazzjoni oriġinali, u l-awtorità ta' l-approvazzjoni tat-tip għandha tkun sodisfatta li t-tajers kollha li jaqgħu taħt tip approvat ikunu konformi mar-rekwiżit ta' l-approvazzjoni. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-volum tal-produzzjoni tat-tip ta' tajer f'kull faċilità tal-manifattura fejn titqies(jitqiesu) is-sistema(i) ta' ġestjoni tal-kwalità mħaddma mill-manifattur. Fejn proċedura tat-test tinvolvi ttestjar ta' numru ta' tajers fl-istess ħin, pereżempju sett ta' erba' tajers sabiex ikun ittestjata il-prestazzjoni tal-qabda fuq l-imxarrab skond il-proċedura tal-vettura standard mogħtija fl-Anness 5 għal dan ir-Regolament, mela s-sett għandu jitqies bħala unità waħda sabiex jiġi kkalkulat in-numru ta' tajers li għandhom jiġu ttesjati.

8.3. Għandu jitqies li l-produzzjoni kienet konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jekk il-livelli mkejla jkunu konformi mal-limiti preskritti fil-paragrafu 6.1. t'aktar 'il fuq, b'konċessjoni addizzjonali ta' + 1 dB(A) għall-varjazzjonijiet possibbli fil-produzzjoni tal-massa.

## 9. IL-PIENI GĦAN-NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

9.1. L-approvazzjoni mogħtija rigward tip ta' tajer skond dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ma jkunx hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 8. t'aktar 'il fuq, jew jekk kwalunkwe tajer tat-tip ta' tajer jaqbeż il-limiti mogħtija fil-paragrafu 8.3. t'aktar 'il fuq.

9.2. Jekk Parti għall-Ftehim, li tapplika dan ir-Regolament, tirtira approvazzjoni li tkun tat preċedentement, hija għandha tinnotifika minnufih lill-Partijiet Kontraenti l-oħra li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' approvazzjoni li tkun konformi mal-mudell fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

## 10. PRODUZZJONI MWAQQFA GĦALKOLLOX

Jekk id-detentur ta' aprovazzjoni jieqaf għalkollox mill-manifattura ta' tip ta' tajer pnewmatiku approvat skond dan ir-Regolament, huwa għandu jinforma b'dan lill-awtorità li tkun tat l-approvazzjoni. Malli tirċievi l-komunikazzjoni rilevanti, dik l-awtorità għandha tinforma b'dan lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim ta' l-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tkun konformi mal-mudell fl-Anness 1 għal dan ir-Regolament.

## 11. L-ISMIJIET U L-INDIRIZZI TAS-SERVIZZI TEKNIĊI RESPONSABBLI MIT-TWETTIQ TAT-TESTIJIET TA' APPROVAZZJONI U TAD-DIPARTIMENTI AMMINISTRATTIVI

11.1. Il-Partijiet għall-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-Servizzi Tekniċi li jwettqu t-testijiet ta' approvazzjoni u tad-Dipartimenti Amministrattivi li jagħtu l-approvazzjoni u li lilhom għandhom jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw approvazzjoni jew estensjoni ta' approvazzjoni jew rifjut jew irtirar ta' approvazzjoni, li jkunu nħarġu f'pajjiżi oħra.

## 12. ID-DISPOŻIZZJONIJIET INTRODUTTORJI

12.1. Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament m'għandhomx:

(a) Jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni KEE għal tip ta' tajer skond dan ir-Regolament; jew

(b) Jipprojbixxu l-bejgħ jew l-użu ta' tajer

jekk it-tajer jaqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament u jkun konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

12.2. Mill-4 ta' Awwissu 2003, Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament għandha tirrifjuta li tagħti approvazzjoni nazzjonali ta' tip ta' tajer jekk it-tajer jaqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament u ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

12.3. Minn 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tas-serje 01 ta' emendi, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament rigward il-livell ta' adeżjoni tat-tajers f'kundizzjonijiet ta' rrolljar fuq superfiċji mxarrbin għandhom jagħtu approvazzjonijiet biss jekk it-tip ta' tajer li għandu jkun approvat jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament kif emendat mis-serje 01 ta' emendi.

12.4. Mid-dati mogħtija aktar 'l isfel, Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament għandha tirrifjutta li tippermetti l-bejgħ jew l-użu ta' tajer li jaqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament u li ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

| | |
|---|---|
| Għat-tajers tal-Klassi C1 b'wisa' tas-sezzjoni sa 185 | l-1 ta' Ottubru 2009 |
| Għat-tajers tal-Klassi C1 b'wisa' tas-sezzjoni minn 185 sa 215 | l-1 ta' Ottubru 2010 |
| Għat-tajers tal-Klassi C1 b'wisa' tas-sezzjoni t'aktar minn 215 | l-1 ta' Ottubru 2011 |
| Għat-tajers tal-Klassi C2 u C3 | l-1 ta' Ottubru 2009 |

Qabel id-dati t'hawn fuq, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament, għall-bejgħ jew għall-użu ta' tajer sostitut li jaqa' fl-ambitu ta' dan ir-Regolament, m'għandhomx jeħtieġu li dan ikun konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

*ANNESS 1*

**KOMUNIKAZZJONI**

(Format massimu: A4 (210 × 297 mm))




maħruġa minn: Isem l-amministrazzjoni:

.....................................................................................

.....................................................................................

.....................................................................................

li tikkonċerna (2): APPROVAZZJONI MOGĦTIJA
APPROVAZZJONI ESTIŻA
APPROVAZZJONI RIFJUTATA
APPROVAZZJONI RTIRATA
PRODUZZJONI MWAQQFA GĦALKOLLOX

ta' tip ta' tajer rigward il-"livell ta' emissjonijiet ta' ħoss ta' rrolljar" u r-"rendiment ta' l-adeżjoni ma' superfiċji mxarrbin" skond ir-Regolament Nru 117

Nru ta' l-Approvazzjoni ..................................................................... Nru ta' l-Estensjoni .....................................................................

1. Isem u l-indirizz(i) tal-manifattur: .....................................................................

2. Jekk ikun applikabbli, isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur: .....................................................................

3. Il-"klassi tat-tajer" u l-"kategorija ta' l-użu" tat-tip ta' tajer: .....................................................................

4. L-isem(ismijiet) tal-marka(i) u/jew id-deskrizzjoni(jiet) kummerċjali tat-tip ta' tajer: .....................................................................

5. Is-servizz tekniku u, fejn ikun xieraq, il-laboratorju tat-testijiet approvat għal finijiet ta' testijiet ta' approvazzjoni jew ta' verifika tal-konformità: .....................................................................

6. Il-livell tal-ħsejjes tad-daqs rappreżentattiv tat-tajers, ara l-paragrafu 2.5. tar-Regolament Nru 117, skond il-punt 7. tar-rapport tat-test fl-Appendiċi għall-Anness 3: ............................. dB(A) b'veloċità ta' referenza ta' 70/80 km/h (2)

7. Il-livell ta' adeżjoni ma' l-imxarrab tad-daqs rappreżentattiv tat-tajer, ara l-paragrafu 2.5. tar-Regolament Nru 117, skond il-punt 7. tar-rapport tat-test fl-Appendiċi għall-Anness 5: ............................................................ (G) fejn jintuża l-metodu tal-vettura jew tat-trejler (2)

8. In-numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....................................................................

9. Id-data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz: .....................................................................

10. Ir-raġuni(jiet) għall-estensjoni (jekk ikun applikabbli): .....................................................................

11. Kwalunkwe rimarka: .....................................................................

12. Post: .....................................................................

13. Data: .....................................................................

14. Firma: ..........

15. Anness ma' din il-formola ssib: ..........

15.1. Lista' ta' dokumenti fil-fajl ta' l-approvazzjoni ddepożitat mas-servizzi amministrattivi li jkunu taw l-approvazzjoni u li jistgħu jinkisbu wara li ssir talba għalihom.

15.2. Lista ta' denominazzjonijiet tad-disinji fil-kompożizzjoni tal-parti tat-tajer li tmiss ma' l-art: Għal kull trejdmark jew isem il-marka u d-deskrizzjoni kummerċjali, speċifika l-lista ta' denominazzjonijiet tad-daqsijiet tat-tajers, fejn fil-każ tat-tajers tal-Klassi C1 iżżid il-marka *"reinforced* (rinforzat)" (jew *"extra load* (tagħbija żejda)") jew is-simbolu tal-veloċità tat-tajers tas-silġ, jekk dan ikun meħtieġ mill-paragrafu 3.1. ta' dan ir-Regolament.

---

(1) In-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta/estenda/irrifjuta/irtira l-approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet ta' l-approvazzjoni fir-Regolament).
(2) Aqta' barra dak li ma japplikax.

*ANNESS 2*

**L-ARRANĠAMENT TAL-MARKI TA' APPROVAZZJONI**

(Ara l-paragrafu 5.4. ta' dan ir-Regolament)

Il-marki ta' approvazzjoni skond ir-Regolament Nru. 117

**EŻEMPJU 1**




Il-marka ta' approvazzjoni t'hawn fuq, imwaħħla fuq tajer pnewmatiku, turi li t-tajer ikkonċernat kien approvat fl-Olanda (E4) skond ir-Regolament Nru. 117 (immarkat b'S (ħoss ta' rrolljar) biss), bin-numru ta' approvazzjoni 001234. L-ewwel żewġ numri tan-numru ta' approvazzjoni (00) jindikaw li l-approvazzjoni ngħatat skond ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament fil-forma oriġinali tiegħu.

**EŻEMPJU 2**




Il-marka ta' approvazzjoni t'hawn fuq turi li t-tajer ikkonċernat kien approvat fl-Olanda (E4) skond ir-Regolament Nru. 117 (immarkat b'S (ħoss ta' rrolljar) jew kemm S (ħoss ta' rrolljar) kif ukoll W (adeżjoni ma' l-imxarrab), bin-numru ta' approvazzjoni 011234. Dan jindika li l-approvazzjoni hija għal S jew għal SW. L-ewwel żewġ numri tan-numru ta' approvazzjoni (01) jindikaw li l-approvazzjoni ngħatat skond is-serje 01 ta' emendi.

*Appendiċi 1*

**L-approvazzjoni skond ir-Regolament Nru 117 li tikkoniċidi ma' l-approvazzjoni skond ir-Regolament Nru 30 jew 54** ([1])

**EŻEMPJU 1**




Il-marka ta' approvazzjoni t'hawn fuq turi li t-tajer ikkonċernat kien approvat fl-Olanda (E4) skond ir-Regolament Nru 117 (immarkat b'S (ħoss ta' rrolljar)), bin-numru ta' approvazzjoni 011234 u skond ir-Regolament Nru 30, bin-numru ta' approvazzjoni 023637. L-ewwel żewġ numri tan-numru ta' approvazzjoni (01) jindikaw li l-approvazzjoni ngħatat skond is-serje 01 ta' emendi, imma r-Regolament Nru 30 kien jinkludi s-serje 02 ta' emendi.

**EŻEMPJU 2**




Il-marka ta' approvazzjoni t'hawn fuq turi li t-tajer ikkonċernat kien approvat fl-Olanda (E4) skond ir-Regolament Nru 117 (immarkat b'S (ħoss ta' rrolljar) jew SW (ħoss ta' rrolljar u adeżjoni ma' l-imxarrab)), bin-numru ta' approvazzjoni 011234 u skond r-Regolament Nru 30 bin-numru ta' approvazzjoni 023637. L-ewwel żewġ numri tan-numru ta' approvazzjoni (01) jindikaw li l-approvazzjoni ngħatat skond is-serje 01 ta' emendi, imma r-Regolament Nru 30 kien jinkludi s-serje 02 ta' emendi.

([1]) L-approvazzjonijiet skond ir-Regolament Nru 117 għat-tajers fl-ambitu tar-Regolament Nru 54 bħalissa ma jinkludux ir-rekwiżiti ta' l-adeżjoni ma' l-imxarrab.

**EŻEMPJU 3**




Il-marka ta' approvazzjoni t'hawn fuq turi li t-tajer ikkonċernat kien approvat fl-Olanda (E4) skond ir-Regolament Nru 117 u skond is-serje 01 ta' emendi bin-numru ta' approvazzjoni 011234 (immarkat b'S biss), u skond ir-Regolament Nru 54. Dan jindika li l-approvazzjoni hija għall-ħoss ta' rrolljar (S) biss, peress li t-tajers approvati skond ir-Regolament Nru 54 bħalissa ma jistgħux jiġu approvati għall-adeżjoni ma' l-imxarrab. L-ewwel żewġ numri tan-numru ta' approvazzjoni tar-Regolament Nru 117 (01) flimkien ma' l-"S" jindikaw li l-ewwel approvazzjoni ngħatat skond ir-Regolament Nru 117 li kien jinkludi s-serje 01 ta' emendi. L-ewwel żewġ numri tan-numru ta' approvazzjoni tar-Regolament Nru 54 (00) jindikaw li dan ir-Regolament kien fil-forma oriġinali tiegħu.

*Appendiċi 2*

**L-estensjonijiet biex ikunu kkombinati l-approvazzjonijiet maħruġa skond ir-Regolament Nru 117, 30 jew 54** ([1])

**EŻEMPJU 1**




Il-marka ta' approvazzjoni t'hawn fuq turi li t-tajer ikkonċernat kien approvat, għall-ewwel, fl-Olanda (E4) skond ir-Regolament Nru 30 u skond is-serje 02 ta' emendi bin-numru ta' approvazzjoni 023637. It-tajer huwa mmarkat ukoll b'+ S (ħoss ta' rrolljar) li jindikaw li l-approvazzjoni tiegħu ġiet estiża skond ir-Regolament Nru 117. L-ewwel żewġ numri tan-numru ta' approvazzjoni (02) jindikaw li l-approvazzjoni ngħatat skond ir-Regolament Nru 30 li kien jinkludi s-serje 02 ta' emendi. Iż-żieda tas-sinjal (+) tindika li l-ewwel approvazzjoni ngħatat skond ir-Regolament Nru 30 u kienet estiża biex tinkludi l-approvazzjoni(jiet) skond ir-Regolament Nru 117.

**EŻEMPJU 2**




Il-marka ta' approvazzjoni t'hawn fuq turi li t-tajer ikkonċernat kien approvat, għall-ewwel, fl-Olanda (E4) skond ir-Regolament Nru 30 u skond is-serje 02 ta' emendi bin-numru ta' approvazzjoni 023637. Dan jindika li l-approvazzjoni hija għal S (ħoss ta' rrolljar) jew S (ħoss ta' rrolljar) u W (adeżjoni ma' l-imxarrab). L-S jew l-SW segwita minn (01) tindika li l-approvazzjoni tat-tajer ġiet estiża skond ir-Regolament Nru 117 li kien jinkludi s-serje 01 ta'emendi. L-ewwel żewġ numri tan-numru ta' approvazzjoni (02) jindikaw li l-approvazzjoni ngħatat skond ir-Regolament Nru 30 li kien jinkludi s-serje 02 ta' emendi. Is-sinjal ta' żieda (+) jindika li l-ewwel approvazzjoni ngħatat skond ir-Regolament Nru 30 u ġiet estiża biex tinkludi l-approvazzjoni(jiet) skond ir-Regolament Nru 117.

([1]) L-approvazzjonijiet skond ir-Regolament Nru 117 għat-tajers fl-ambitu tar-Regolament Nru 54 bħalissa ma jinkludux ir-rekwiżiti ta' l-adeżjoni ma'l-imxarrab.

*ANNESS 3*

**IL-METODU TAT-TEST TA' SEWQAN BIL-MAGNA MITFIJA (*COAST-BY*) BIEX TITKEJJEL L-EMISSJONI TA' ĦOSS TA' RROLLJAR TAT-TAJER**

0. INTRODUZZJONI

Il-metodu pprezentat jinkludi speċifikazzjonijiet dwar l-istrumenti tal-kejl, il-kundizzjonijiet tal-kejl u l-metodu tal-kejl, sabiex jintlaħaq il-livell ta' ħoss ta' sett ta' tajers immuntati fuq vettura tat-test li jirrolljaw fuq superfiċje speċifikata tat-triq. Il-livell massimu tal-pressjoni tal-ħoss għandu jiġi rrekordjat meta l-vettura tkun bil-magna mitfija, permezz ta' mikrofoni mqiegħda 'l bogħod; ir-riżultat finali għal veloċità ta' referenza jinkiseb minn analiżi ta' rigressjoni lineari. Tali riżultati tat-test ma jistgħux ikunu relatati ma' ħoss ta' rrolljar tat-tajer imkejjel waqt aċċelerazzjoni b'saħħa jew waqt diċelerazzjoni bil-brejkijiet.

1. L-ISTRUMENTI TAL-KEJL

1.1. Il-kejl akustiku

Il-miter tal-livell ta' ħoss jew is-sistema ekwivalenti ta' kejl, inkluż il-windksrin rakkomandat mill-manifattur, għandu jissodisfa jew jkun aħjar mir-rekwiżiti ta' strumenti tat-Tip 1 skond l-IEC 60651:1979/A1:1993, it-tieni edizzjoni.

Il-kejl għandu jittieħed billi tintuża d-differenzazzjoni tal-frekwenza A u d-differenzazzjoni tal-ħin F.

Meta tintuża sistema li tinkludi monitoraġġ perjodiku tal-livell ta' ħoss differenzjat A, għandu jittieħed qari f'intervall ta' ħin li ma jkunx ikbar minn 30 minuta.

1.1.1. Il-kalibrazzjoni

Fil-bidu u fi tmiem kull sessjoni ta' kejl, is-sistema kollha tal-kejl għandha tiġi kkontrollata permezz ta' kalibratur tal-ħoss li jissodisfa r-rekwiżiti għall-kalibraturi tal-ħoss ta' preċiżjoni, mill-inqas, tal-Klassi 1 skond l-IEC 60942:1988. Bla ebda aġġustament ulterjuri, id-differenzi bejn il-qari ta' żewġ kontrolli konsekuttivi għandha tkun inqas minn jew ta' 0,5 dB. Jekk dan il-valur jinqabeż, ir-riżultati tal-kejl miksuba wara l-kontroll sodisfaċenti preċedenti għandhom jitwarrbu.

1.1.2. Il-konformità mar-rekwiżiti

Il-konformità ta' l-apparat ta' kalibrazzjoni tal-ħsejjes mar-rekwiżiti ta' l-IEC 60942:1988 għandha tkun ivverifikata darba fis-sena u l-konformità tas-sistema ta' strumentazzjoni mar-rekwiżiti ta' l-IEC 60651:1979/A1:1993, it-tieni edizzjoni, għandha tkun ivverifikata mill-inqas kull sentejn, minn laboratorju li jkun awtorizzat iwettaq kalibrazzjonijiet traċċabbli għall-istandards xierqa.

1.1.3. Il-pożizzjonament tal-mikrofonu

Il-mikrofonu (jew il-mikrofoni) jridu jkunu qegħdin f'distanza ta' 7,5 ± 0,05 m mil-linja ta' referenza tal-mogħdija CC′ (figura 1) u 1,2 ± 0,02 m 'il fuq mill-art. L-assi tas-sensittività massima tiegħu jrid ikun orizzontali u perpendikulari għall-mogħdija tal-vettura (linja CC′).

1.2. Il-kejl tal-veloċità

Il-veloċità tal-vettura għandha titkejjel bi strumenti li jkollhom preċiżjoni ta' ± 1 km/h jew aħjar meta t-tarf ta' quddiem tal-vettura jkun laħaq il-linja PP′ (figura 1).

1.3. Il-kejl tat-temperatura

Il-kejl ta' l-arja kif ukoll tat-temperatura tas-superfiċje tat-test huwa mandatorju.

L-apparati tal-kejl tat-temperatura għandhom ikunu preċiż sa ± 1 °C.

1.3.1. It-temperatura ta' l-arja

Is-sensur tat-temperatura għandu jiġi ppożizzjonat f'post mhux ostakolat qrib il-mikrofonu b'tali mod li jkun espost għall-fluss ta' l-arja u protett mir-radjazzjoni solari diretta. Ta' l-aħħar jista' jinkiseb bi kwalunkwe skrin li jitfa' d-dell jew b'apparat simili. Is-sensur għandu jkun ippożizzjonat f'għoli ta' 1,2 ± 0,1 'il fuq mil-livell tas-superfiċje tat-test, sabiex tkun minimizzata l-influwenza tar-radjazzjoni termali tas-superfiċje tat-test fi flussi baxxi ta' l-arja.

1.3.2. It-temperatura tas-superfiċje tat-test

Is-sensur tat-temperatura għandu jiġi ppożizzjonat f'post fejn it-temperatura mkejla tkun rappreżentattiva tat-temperatura fil-mogħdijiet tar-roti, mingħajr ma jinterferixxi fil-kejl tal-ħsejjes.

Jekk jintuża strument b'sensur tat-temperatura ta' kuntatt, bejn is-superfiċje u s-sensur għandu jiġi applikat pejst konduttiv għas-sħana sabiex ikun żgurat kuntatt termali adegwat.

Jekk jintuża termometru tar-radjazzjoni (pirometru), l-għoli għandu jintgħażel sabiex ikun żgurat li jkun kopert punt ta' kejl b'dijametru ta' ≥ 0,1 m.

1.4. Il-kejl tar-riħ

L-apparat irid ikun kapaċi jkejjel il-veloċità tar-riħ b'tolleranza ta' ± 1 m/s. Ir-riħ għandu jitkejjel fl-għoli tal-mikrofonu. Għandha tiġi rreġistrata d-direzzjoni tar-riħ b'referenza għad-direzzjoni tas-sewqan.

2. IL-KUNDIZZJONIJIET TAL-KEJL

2.1. Is-sit tat-test

Is-sit tat-test irid jikkonsisti f'sezzjoni ċentrali mdawra minn żona tat-test sostanzjalment ċatta. Is-sezzjoni tal-kejl trid tkun invell; is-superfiċje tat-test trid tkun niexfa u nadifa għall-kejl kollu. Is-superfiċje tat-test m'għandiex titberred artifiċjalment matul jew qabel l-ittestjar.

Il-mogħdija tat-test trid tkun tali li l-kundizzjoijiet ta' kamp akustiku ħieles bejn is-sors tal-ħoss u l-mikrofonu tinkiseb sa 1 dB(A). Għandu jitqies li dawn il-kundizzjonijiet ġew sodisfatti jekk ma jkun hemm l-ebda oġġett kbir li jirrifletti l-ħsejjes bħal xatbiet, ġebel, pontijiet jew bini f'50 m miċ-ċentru tas-sezzjoni tal-kejl. Is-superfiċje tal-mogħdija tat-test u d-dimensjonijiet tas-sit tat-test għandhom ikunu skond l-Anness 4.

Parti ċentrali b'radju ta' mill-inqas 10 m għandha tkun ħielsa minn silġ f'forma ta' trab, ħaxix tawwali, ħamrija mhux magħquda, irmied jew simili. Ma jrid ikun hemm l-ebda ostaklu li jista' jaffetwa l-kamp akustiku fil-viċinanzi tal-mikrofonu u l-ebda persuna m'għandha tkun wieqfa bejn il-mikrofonu u s-sors tal-ħoss. L-operatur li jwettaq il-kejl u kwalunkwe osservatur li jieħu ħsieb il-kejl iridu jippożizzjonaw lilhom infushom b'tali mod li ma jaffetwawx il-qari ta' l-istrumenti tal-kejl.

2.2. Il-kundizzjonijiet metereoloġiċi

Il-kejl m'għandux isir f'kundizzjonijiet atmosferiċi ħżiena. Irid ikun żgurat li r-riżultati ma jiġux affetwati minn buffuri ta' riħ. L-ittestjar m'għandux jitwettaq jekk il-veloċità tar-riħ fl-għoli tal-mikrofonu taqbeż il-5 m/s.

Il-kejl m'għandux isir jekk it-temperatura ta' l-arja tkun aktar baxxa minn 5 °C jew ogħla minn 40 °C jew jekk it-temperatur tas-superfiċje tat-test tkun aktar baxxa minn 5 °C jew ogħla minn 50 °C.

2.3. Il-ħoss ambjentali

2.3.1. Il-livell tal-ħsejjes fl-isfond (inkluż kwalunkwe ħoss mir-riħ) għandu jkun ta' mill-inqas 10 dB(A) inqas mill-emissjoni ta' ħoss ta' rrolljar imkejjel tat-tajer. Mal-mikrofonu jista' jitwaħħal windskrin adattat sakemm jitqies l-effett li jkollu fuq is-sensittiva u fuq il-karatteristiċi direzzjonali tal-mikrofonu.

2.3.2. Kwalunkwe kejl affetwat mill-ogħla livell ta' ħoss li jidher li ma jkunx relatat mal-karatteristiċi tal-livell ġenerali tal-ħoss, għandu jiġi injorat.

2.4. Ir-rekwiżiti tal-vettura tat-test

2.4.1. Ġenerali

Il-vettura tat-test għandha tkun vettura bil-mutur u għandha tkun mgħammra b'erba 'tajers waħdanija fuq żewġ fusien biss.

2.4.2. It-tagħbija tal-vettura

Il-vettura trid tkun mgħobbija b'tali mod li tkun konformi mat-tagħbijiet tat-tajer tat-test kif ġew speċifikati fil-paragrafu 2.5.2. t'aktar 'l isfel.

2.4.3. Id-distanza bejn il-fus tar-rota ta' quddiem u dak ta' wara (*wheelbase*)

Id-distanza bejn iż-żewġ fusien li fuqhom twaħħlu t-tajers tat-test għat-tajers tal-Klassi C1 għandha tkun ta' inqas minn 3.50 m u għat-tajers tal-Klassi C2 u tal-Klassi C3 għandha tkun ta' inqas minn 5 m.

2.4.4. Il-miżuri sabiex tkun minimizzata l-influwenza tal-vettura fuq il-kejl tal-livell tal-ħoss

Sabiex ikun żgurat li l-ħoss ta' rrolljar tat-tajer ma jkunx affetwat b'mod sinifikanti mid-disinn tal-vettura tat-test, qed jingħataw ir-rekwiżiti u r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin.

2.4.4.1. Ir-rekwiżiti:

(a) M'għandhomx jitwaħħlu l-perpuri ta' trażżin ta' l-isprej jew apparat żejjed ieħor sabiex jitrażżan l-isprej;

(b) Kwalunkwe żieda jew żamma ta' elementi fil-viċinanzi immedjati tar-rimmijiet u tat-tajers, li jistgħu jgħattu l-ħoss emess, mhix permessa;

(c) L-allinjament tar-roti (*toe-in* (ir-roti meta joħorġu minn posthom wara xi daqqa fuq xi waħda minnhom), kamber u *caster* (rota żgħira)) għandhom jkun għalkollox konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur tal-vettura;

(d) Fil-kejsings tar-rota jew taħt il-bodi ta' taħt ma jistax jiġi mmuntat materjal addizzjonali li jassorbi l-ħsejjes;

(e) Is-suspenxin għandha tkun f'tali kundizzjoni li ma tirriżultax fi tnaqqis mhux normali fl-għoli mill-art meta l-vettura tkun mgħobbija skond ir-rekwiżit ta' l-ittestjar. Jekk ikunu disponibbli, is-sistemi ta' regolamentazzjoni tal-livell tal-bodi għandhom jiġu aġġustati sabiex waqt l-ittestjar ikunu għolja mill-art daqskemm ikun normali għal kundizzjoni mhux mgħobbija.

2.4.4.2. Ir-rakkomandazzjonijiet sabiex ikun evitat storbju parassitiku:

(a) Tneħħija jew modifika fil-vettura li tista' tikkontribwixxi għall-ħsejjes fl-isfond tal-vettura hija rakkomandata. Kwalunkwe tneħħija jew modifika għandha tiġi rreġistrata fir-rapport tat-test;

(b) Waqt l-ittestjar għandu jiġi assigurat li l-brejkijiet ma jiġux rilaxxati ħażin, biex b'hekk jikkawżaw l-istorbju;

(c) Għandu jkun assigurat li l-fannijiet tat-tkessiħ elettriċi ma jkunux qed jaħdmu;

(d) Waqt l-ittestjar, it-twieqi u s-saqaf li jiżżerżaq tal-vettura għandhom ikunu magħluqa.

2.5. It-tajers

2.5.1. Ġenerali

Fuq il-vettura tat-test għandhom jitwaħħlu erba' tajers identiċi. Fil-każ ta' tajers b'indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija akbar minn 121 u bla ebda indikazzjoni ta' twaħħil doppju, tnejn minn dawn it-tajers, ta' l-istess tip u firxa, iridu jitwaħħlu fuq il-fus ta' wara tal-vettura tat-test; il-fus ta' quddiem iridu jitwaħħlulu tajers ta' daqs adattat għat-tagħbija fuq il-fus u mraqqa sal-fond minimu sabiex tkun minimizzata l-influwenza ta' l-istorbju ta' kuntatt tat-tajer mat-triq filwaqt li jinżamm livell xieraq ta' sikurezza. It-tajers Xitwin, li f'ċerti Partijiet Kontraenti jistgħu jkunu mgħammra b'tappieri maħsuba sabiex ikabbru l-frizzjoni, għandhom ikunu ttestjati mingħajr dan it-tagħmir. It-tajers b'rekwiżiti speċjali għat-twaħħil għandhom ikunu ttestjati skond dawn ir-rekwiżiti (eż. id-direzzjoni tat-tidwir). It-tajers irid ikollhom fond sħiħ fil-kompożizzjoni tal-parti tat-tajer li tmiss l-art qabel ma jibdew jithaddmu.

It-tajers għandhom jiġu ttestjati fuq rimmijiet permessi mill-manifattur tat-tajers.

2.5.2. It-tagħbiji tat-tajers

It-tagħbija tat-test $Q_t$ għal kull tajer fuq il-vettura tat-test għandha tkun ta' bejn 50 u 90 fil-mija tat-tagħbija ta' referenza $Q_r$, imma t-tagħbija medja tat-test $Q_{t,avr}$ tat-tajers kollha għandha tkun ta' 75 ± 5 fil-mija tat-tagħbija ta' referenza $Q_r$.

Għat-tajers kollha, it-tagħbija ta' referenza $Q_r$ tikkorrispondi għall-massa massima assoċjata ma' l-indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija tat-tajer. Fil-każ fejn l-indiċi tal-kapaċità għat-tagħbija jkun magħmul minn żewġ numri diviżi minn linja dijagonali (/), għandha ssir referenza għall-ewwel numru.

2.5.3. Il-pressjoni ta' nefħa tat-tajer

Kull tajer imwaħħal fuq il-vettura tat-test għandu jkollu pressjoni tat-test $P_t$ li ma tkunx ogħla mill-pressjoni ta' referenza $P_r$ u fl-intervall:

$$P_r \cdot \left(\frac{Q_t}{Q_r}\right)^{1,25} \le P_t \le 1{,}1\, P_r \cdot \left(\frac{Q_t}{Q_r}\right)^{1,25}$$

Għall-Klassi C2 u għall-Klassi C3, il-pressjoni ta' referenza $P_r$ hija l-pressjoni li tikkorrispondi għall-indiċi tal-pressjoni mmarkat fuq in-naħa tal-ġenb.

Għall-Klassi C1, il-pressjoni ta' referenza hija $P_r$ = 250 kPa għat-tajers "standard" u 290 kPa għat-tajers "rinforzati"; il-pressjoni minima tat-test għandha tkun ta' $P_t$ = 150 kPa.

2.5.4. It-tħejjija qabel l-ittestjar

It-tajers għandhom jitħaddmu ("*run-in*") qabel l-ittestjar sabiex jitneħħew l-għeqiedi tal-komposti jew karatteristiċi oħrajn tad-disinn tat-tajer li jirriżultaw mill-proċess ta' l-għoti tal-forma. Normalment, dan jeħtieġ l-ekwivalenti ta' madwar 100 km ta' użu normali fit-triq.

It-tajers imwaħħla fuq il-vettura tat-test għandhom iduru fl-istess direzzjoni bħala meta jitħaddmu fil-bidu.

Qabel l-ittestjar, it-tajers għandhom jissaħħnu billi jitħaddmu f'kundizzjonijiet tat-test.

3. IL-METODU TA' L-ITTESTJAR

3.1. Il-kundizzjonijiet ġenerali

Għall-kejl kollu, il-vettura trid tinsaq f'linja dritt tul is-sezzjoni tal-kejl (AA′ sa BB′) b'tali mod li l-pjan medjan lonġitudinali tal-vettura ikun mill-aktar qrib possibbli tal-linja CC′.

Meta t-tarf ta' quddiem tal-vettura tat-test ikun laħaq il-linja AA′, is-sewwieq tal-vettura jrid ikun qiegħed lis-selettur tal-gerijiet f'pożizzjoni newtrali u tefa' l-magna. Jekk waqt il-kejl il-vettura tat-test tagħmel ħsejjes mhux normali (eż. ventilatur, self-ignixin), it-test irid jiġi injorat.

3.2. In-natura u n-numru ta' kejl

Il-livell massimu ta' ħoss espress f'deċibels differenzjati A (dB(A)) għandu jitkejjel sa l-ewwel post deċimali hekk kif il-vettura tkun għaddejja bil-magna mitfija bejn il-linji AA′ u BB′ (figura 1 – it-tarf ta' quddiem tal-vettura fuq il-linja AA′, it-tarf ta' wara tal-vettura fuq il-linja BB′). Dan il-valur se jikkostitwixxi r-riżultat tal-kejl.

Il-kejl għandu jsir mill-inqas erba' darbiet fuq kull naħa tal-vettura tat-test b'veloċitajiet tat-test aktar baxxi mill-veloċità ta' referenza speċifikata fil-paragrafu 4.1. u għandu jsir kejl għal mill-inqas erba' darbiet b'veloċitajiet tat-test ogħla mill-veloċità ta' referenza. Bejn wieħed u ieħor, il-veloċitajiet għandhom ikunu spazjati ndaqs tul il-firxa tal-veloċitajiet speċifikata fil-paragrafu 3.3.

3.3. Il-firxa tal-veloċitajiet tat-test

Il-veloċitajiet tal-vettura tat-test għandhom ikunu fil-firxa:

(a) Minn 70 sa 90 km/h għat-tajers tal-Klassi C1 u tal-Klassi C2;

(b) Minn 60 sa 80 km/h għat-tajers tal-Klassi C3.

4. L-INTERPRETAZZJONI TAR-RIŻULTATI

Il-kejl m'għandux ikun validu jekk tkun irreġistrata diskrepanza mhux normali bejn il-valuri (ara l-paragrafu 2.3.2. ta' dan l-Anness).

4.1. Id-determinazzjoni tar-riżultat tat-test

Il-veloċità ta' referenza $V_{ref}$ li tintuża sabiex ikun iddeterminat ir-riżultat finali se tkun ta':

(a) 80 km/h għat-tajers tal-Klassi C1 u tal-Klassi C2;

(b) 70 km/h għat-tajers tal-Klassi C3.

4.2. L-analiżi ta' rigressjoni għall-kejl ta' ħoss ta' rrolljar

Il-livell ta' ħoss ta' rrolljar tat-tajer mat-triq $L_R$ f'dB(A) jiġi ddeterminat b'analiżi ta' rigressjoni skond:

$$L_R = \bar{L} - a \cdot \bar{v}$$

fejn:

$\bar{L}$ hija l-valur intermedju tal-livelli ta' ħoss ta' rrolljar $L_i$, imkejla f'db(A):

$$\bar{L} = \frac{1}{n}\sum_{i=1}^{n} L_i$$

n hija n-numru ta' kejl ($n \geq 16$),

$\bar{v}$ hija l-valur intermedju tal-logaritmi tal-veloċitajiet $V_i$:

$$\bar{v} = \frac{1}{n}\sum_{i=1}^{n} v_i \text{ bi } v_i = \lg (V_i/V_{ref})$$

a hija n-niżla tal-linja ta' rigressjoni f'dB(A):

$$a = \frac{\sum_{i=1}^{n}(v_i - \bar{v})\,(L_i - \bar{L})}{\sum_{i=1}^{n}(v_i - \bar{v})^2}$$

4.3. Il-korrezzjoni tat-temperatura

Għat-tajers tal-Klassi C1 u tal-Klassi C2, ir-riżultat finali għandu jiġi normalizzat għal temperatura ta' referenza tas-superfiċje tat-test $\vartheta_{ref}$ billi tiġi applikata korrezzjoni tat-temperatura, skond dan li ġej:

$$L_R(\vartheta_{ref}) = L_R(\vartheta) + K(\vartheta_{ref} - \vartheta)$$

fejn $\vartheta$ = it-temperatura mkejla tas-superfiċje tat-test,
$\vartheta_{ref}$ = 20 °C,

Għat-tajers tal-Klassi C1, il-koeffiċjent K huwa − 0,03 db(A)/°C, fejn $\vartheta > \vartheta_{ref}$ u − 0,06 dB(A)/°C meta $\vartheta < \vartheta_{ref}$.

Għat-tajers tal-Klassi C2, il-koeffiċjent K huwa − 0.02 dB(A)/°C

Jekk it-temperatura mkejla tas-superfiċje tat-test ma tinbidilx b'aktar minn 5 °C fil-kejl kollu meħtieġ sabiex jiġi ddeterminat il-livell ta' ħoss ta' sett wieħed ta' tajers, il-korrezzjoni tat-temperatura tista' ssir biss fuq il-livell irrapportat u finali ta' ħoss ta' rrolljar tat-tajer kif ġie indikat aktar 'il fuq, billi jintuża l-valur aritmetiku intermedju tat-temperaturi mkejla. Inkella, kull livell ta' ħoss imkejjel $L_i$ għandu jiġi korrett, billi tintuża t-temperatura fi żmien ir-rekording tal-ħoss.

Mhu se jkun hemm l-ebda korrezzjoni tat-temperatura għat-tajers tal-Klassi C3.

4.4. Sabiex jitqies kwalunkwe nuqqas ta' preċiżjoni ta' l-istrumenti tal-kejl, skond il-paragrafu 4.3., ir-riżultati għandhom jitnaqqsu b'1 dB(A).

4.5. Ir-riżultat finali, il-livell ta' ħoss ta' rrolljar tat-tajer bit-temperatura korretta $L_R(\vartheta_{ref})$ f'dB(A), għandu jitqarreb 'l isfel għall-eqreb valur sħiħ li jkun aktar baxx.

*Figura 1*

**Il-pożizzjonijiet tal-mikrofoni għall-kejl**



*Appendiċi*

**Ir-rapport tat-test**

PARTI 1 – RAPPORT

1. L-awtorità ta' l-approvazzjoni tat-tip jew is-Servizz Tekniku: ..........

2. L-isem u l-indirizz ta' l-applikant: ..........

3. In-Nru. tar-Rapport tat-Test: ..........

4. Il-Manifattur u l-Isem tal-Marka jew id-Deskrizzjoni Kummerċjali: ..........

5. Il-Klassi tat-Tajer (C1, C2 jew C3): ..........

6. Il-kategorija ta' l-użu: ..........

7. Il-livell ta' ħoss skond il-paragrafi 4.4. u 4.5. ta' l-Anness 3: ........ dB(A) b'veloċità ta' referenza ta' 70/80 km/h ([1])

8. Kummenti (jekk ikun hemm): ..........

9. Data: ..........

10. Firma: ..........

PARTI 2 – ID-*DATA* TAT-TEST

1. Id-data tat-test: ..........

2. Il-vettura tat-test (il-marka, il-mudell, is-sena, il-modifiki, eċċ.): ..........

2.1. Id-distanza bejn il-fus tar-rota ta' quddiem u dak ta' wara tal-vettura tat-test: .......... mm

3. Fejn tinsab il-mogħdija tat-test: ..........

3.1. Id-data taċ-ċertifikazzjoni tal-mogħdija skond l-ISO 10844:1994: ..........

3.2. Maħruġa minn: ..........

3.3. Il-metodu ta' ċertifikazzjoni: ..........

4. Id-dettalji tat-tajer tat-test: ..........

4.1. Id-denominazzjoni tad-daqsijiet tat-tajers: ..........

4.2. Id-deskrizzjoni tas-servizz tat-tajers: ..........

4.3. Il-pressjoni ta' nefħa ta' referenza: .......... kPa

4.4. Id-*data* tat-test

| | Quddiem fuq ix-xellug | Quddiem fuq il-lemin | Wara fuq ix-xellug | Wara fuq il-lemin |
|---|---|---|---|---|
| Il-massa tat-test (kg) | | | | |
| L-indiċi tat-tagħbija tat-tajer (%) | | | | |
| Il-pressjoni ta' nefħa (kiesħa) (kPa) | | | | |

4.5. Il-kodiċi tal-wisa' tar-rimm tat-test: ..........

4.6. It-tip ta' sensur għall-kejl tat-temperatura: ..........

5. Ir-riżultati validi tat-test:

| Ġirja Nru. | Il-Veloċità tat-Test km/h | Id-direzzjoni tal-ġirja | Il-livell imkejjel tal-ħoss fuq ix-xellug (2) dB(A) | Il-livell imkejjel tal-ħoss fuq il-lemin (2) dB(A) | It-temperatura ta' l-arja °C | It-temperatura tal-mogħdija °C | Il-livell tal-ħoss fuq ix-xellug (2) bit-temperatura korretta dB(A) | Il-livell tal-ħoss fuq il-lemin (2) bit-temperatura korretta dB(A) | Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | | | | | | | | | |
| 2 | | | | | | | | | |
| 3 | | | | | | | | | |
| 4 | | | | | | | | | |
| 5 | | | | | | | | | |
| 6 | | | | | | | | | |
| 7 | | | | | | | | | |
| 8 | | | | | | | | | |

5.1. In-niżla tal-linja ta' rigressjoni: ..........

5.2. Il-livell tal-ħoss wara l-korrezzjoni tat-temperatura skond il-paragrafu 4.3. ta' l-Anness 3: .......... dB(A)

(1) Aqta' barra dak li ma japplikax.
(2) Relattiv għall-vettura.

*ANNESS 4*

**L-ISPĊEFIKAZZJONIJIET GĦAS-SIT TAT-TEST**

1. INTRODUZZJONI

Dan l-Anness jiddeskrivi l-ispeċifikazzjonijiet relatati mal-karatteristiċi fiżiċi u mat-tqegħid tal-mogħdija tat-test. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet, ibbażati fuq standard speċjali ([1]), jiddeskrivu l-karatteristiċi fiżiċi meħtieġa kif ukoll il-metodi tat-test għal dawn il-karatteristiċi.

2. IL-KARATTERISTIĊI MEĦTIEĠA TAS-SUPERFIĊJE

Jitqies li superfiċje tkun konformi ma’ dan l-istandard sakemm l-istruttura u l-kontenut ta’ l-ispazji jew il-koeffiċjent ta’ l-assorbiment tal-ħoss jkunu tkejlu u jinsab li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tal-paragrafi 2.1. sa 2.4. t’aktar ’l isfel u sakemm ir-rekwiżiti tad-disinn (il-paragrafu 3.2.) ikunu ġew sodisfatti.

2.1. Il-kontenut ta’ l-ispazji residwali

Il-kontenut ta’ l-ispazji residwali (VC) tat-taħlita għall-pavimentar tal-mogħdija tat-test m’għandux jaqbeż it-8 fil-mija. Għall-proċedura tal-kejl, ara l-paragrafu 4.1.

2.2. Il-koeffiċjent ta’ assorbiment tal-ħoss

Jekk is-superfiċje tonqos milli tkun konformi mar-rekwiżit tal-kontenut ta’ l-ispazji residwali, is-superfiċje tkun aċċettabbli biss jekk il-koeffiċjent ta’ assorbiment tal-ħoss tagħha $\alpha \leq 0,10$. Għall-proċedura tal-kejl, ara l-para. 4.2. Ir-rekwiżit tal-paragrafi 2.1. u 2.2. jiġi sodisfatt ukoll jekk tkejjel l-assorbiment tal-ħoss biss u nstab li huwa $\alpha \leq 0,10$.

*NB*: Il-karatteristika l-aktar rilevanti hija l-assorbiment tal-ħoss, għalkemm il-kontenut ta’ l-ispazji residwali huwa aktar familjari fost il-bennejja tat-toroq. Madanakollu, l-assorbiment tal-ħoss jeħtieġ li jitkejjel biss jekk is-superfiċje tonqos milli tkun konformi mar-rekwiżit ta’ l-ispazji. Dan huwa motivat minħabba li ta’ l-aħħar huwa konness ma’ inċertezzi relattivament kbar f’termini kemm ta’ kejl kif ukoll ta’ rilevanza u whud mis-superfiċji għalhekk jistgħu jiġu rifjutati, b’mod żbaljat, fuq il-bażi biss tal-kejl ta’ l-ispazji.

2.3. Il-fond ta’ l-istruttura

Il-fond ta’ l-istruttura (TD) imkejjel skond il-metodu volumetriku (ara l-paragrafu 4.3. t’aktar ’l isfel) għandu jkun:

$$TD \geq 0,4 \text{ mm}$$

2.4. L-omoġeneità tas-superfiċje

Għandu jsir kull sforz prattiku biex ikun żgurat li, fiż-żona tat-test, is-superfiċje ssir kemm jista’ jkun omoġenja. Dan jinkludi l-istruttura u l-kontenut ta’ l-ispazji, imma għandu jkun osservat ukoll li jekk il-proċess ta’ rrolljar jirriżulta fi rrolljar aktar effettiv f’uħud mill-bnadi milli f’oħrajn, l-istruttura tista’ tkun differenti u n-nuqqas ta’ uniformità jista’ jagħti lok għal ħotob.

2.5. Il-perjodu ta’ l-ittestjar

Sabiex ikun ikkontrollat jekk is-superfiċje tkomplix tkun konformi ma’ l-istruttura u mal-kontenut ta’ l-ispazji jew mar-rekwiżiti ta’ l-assorbiment tal-ħoss stipulati f’dan l-istandard, għandu jsir ittestjar perjodiku tas-superfiċje fl-intervalli li ġejjin:

(a) Għall-kontenut ta’ l-ispazji residwali (VC) jew għall-assorbiment tal-ħoss (α):

Meta s-superfiċje tkun ġdida;

Jekk is-superfiċje tissodisfa r-rekwiżiti meta tkun ġdida, mhu meħtieġ l-ebda ttestjar perjodiku ieħor. Jekk ma tissodisfax ir-rekwiżit meta tkun ġdida, tista’ tissodisfah aktar tard għaliex is-superfiċji għandhom it-tendenza li jinstaddu u jsiru kompatti maż-żmien;

([1]) ISO 10844:1994.

(b) Għall-fond ta' l-istruttura (TD):

Meta s-superfiċje tkun ġdida;

Meta jibda l-ittestjar għall-ħsejjes (*NB*: mhux qabel erba' ġimgħat wara li titqiegħed is-superfiċje);

Imbagħad kull 12-il xahar.

3. ID-DISINN TAS-SUPERFIĊJE TAT-TEST

3.1. Iż-żona

Meta jiġi ddisinjat l-arranġament tal-mogħdija tat-test huwa importanti li jkun żgurat, li bħala rekwiżiti minimu, iż-żona misjuqa mill-vetturi li jgħaddu mill-istrixxa tat-test tkun miksija bil-materjal tat-test speċifikat b'marġnijiet xierqa għal sewqan sikur u prattiku. Dan se jeħtieġ li l-wisa' tal-mogħdija tkun mill-inqas ta' 3 m u t-tul tal-mogħdija jestendi 'lil hinn mil-linji AA u BB b'mill-inqas 10 m fuq kull tarf. Il-Figura 1 turi pjan ta' sit tat-test xieraq u tindika ż-żona minima li għandha titqiegħed u tkun ikkompattata permezz tal-magni bil-materjal tas-superfiċje tat-test speċifikat. Skond il-paragrafu 3.2. ta' l-Anness 3, il-kejl għandu jittieħed fuq kull naħa tal-vettura. Dan jista' jsir jew billi jsir kejl b'żewġ postijiet tal-mikrofonu (wieħed fuq kull naħa tal-mogħdija) u s-sewqan isir f'direzzjoni waħda, jew isir kejl b'mikrofonu biss fuq naħa waħda tal-mogħdija imma l-vettura tinsaq f'żewġ direzzjonijiet. Jekk jintuża l-metodu ta' l-aħħar, allura mhemm l-ebda rekwiżit tas-superfiċje fuq dik in-naħa tal-mogħdija fejn ma jkun hemm l-ebda mikrofonu.

*Figura 1*

**Ir-rekwiżiti minimi għaż-żona ta' superfiċje tat-test. Il-parti skurata tissejjaħ iż-"Żona tat-Test"**

(Dimensjonijiet f ' metri)




Spjega: Iż-żona minima miksija bis-superfiċje tat-triq tat-test, jiġifieri ż-żona tat-test

Mikrofonu (għoli 1,2 m)

*NB*: M' għandu jkun hemm l-ebda oġġett kbir li jirrifletti l-ħsejjes f' dan ir-radju

3.2. Id-disinn u t-tħejjija tas-superfiċje

3.2.1. Ir-rekwiżiti bażiċi tad-disinn

Is-superfiċje tat-test għandha tissodisfa erba' rekwiżiti tad-disinn:

3.2.1.1. Għandha tkun magħmula minn konkrit dens asfaltat.

3.2.1.2. Id-daqs massimu taż-żrar għandu jkun ta' 8 mm (it-tolleranzi jippermettu minn 6,3 sa 10 mm).

3.2.1.3. Il-ħxuna tal-kisi għandha tkun ta' ≥ 30 mm.

3.2.1.4. Is-sustanza li tgħaqqad għandha tkun bitum mhux modifikat bi grad ta' penetrazzjoni diretta.

3.2.2. Il-linji ta' gwida għad-disinn

Bħala gwida għall-kostruttur tas-superfiċje, fil-Figura 2 qed tintwera kurva għall-gradazzjoni aggregata li se tagħti l-karatteristiċi mixtieqa. Barra minn hekk, it-Tabella 1 tagħti whud mil-linji ta' gwida sabiex jinkisbu l-istruttura u d-durabilità mixtieqa. Il-kurva tal-gradazzjoni taqbel mal-formula li ġejja:

$$P\ (\%\ ta'\ passati) = 100 \cdot (d/d_{max})\ 1/2$$

fejn:

d = id-daqs tat-toqob kwadri ta' l-għarbiel, f'mm

$d_{max}$ = 8 mm għall-kurva intermedja

10 mm għall-kurva tat-tolleranza ta' taħt

6,3 mm għall-kurva tat-tolleranza ta' fuq

*Figura 2*

**Il-kurva tal-gradazzjoni ta' l-aggregat fit-taħlita asfaltata bit-tolleranzi**




Minbarra dak li ntqal aktar 'il fuq, qed jingħataw ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-frazzjoni tar-ramel (0,063 mm < id-daqs tat-toqob kwadri ta' l-għarbiel < 2 mm) għandha tinkludi mhux aktar minn 55 fil-mija ta' ramel naturali u mill-inqas 45 fil-mija ta' ramel mitħun;

(b) Il-bażi u s-sottobażi għandhom jiżguraw stabbiltà u uniformità tajba, skond l-aħjar prattika fil-bini tat-toroq;

(ċ) Iż-żrar għandu jitfarrak (100 fil-mija ta' l-uċuħ imfarrka) u jkun ta' materjal b'reżistenza għolja għat-tifrik;

(d) Iż-żrar użat fit-taħlita għandu jinħasel;

(e) L-ebda żrara żejda m'għandha tiġi miżjuda mas-superfiċje;

(f) L-ebusija tas-sustanza li tgħaqqad epressa bħala valur PEN għandha tkun 40-60, 60-80 jew saħansitra 80-100, jiddependi mill-kundizzjonijiet klimatiċi tal-pajjiż. Ir-regola hija li għandha tintuża sustanza li tgħaqqad li tkun iebsa kemm jista' jkun, sakemm tkun konsistenti mal-prattika komuni;

(g) It-temperatura tat-taħlita qabel l-irrolljar għandha tingħażel biex jinkiseb il-kontenut ta' spazji meħtieġa b'passati tar-romblu sussegwenti. Biex tiżdied il-probabbiltà li jiġu sodisfatti l-ispeċifikazzjonijiet tal-paragrafi 2.1. sa 2.4. t'aktar 'il fuq, il-kompattezza għandha tiġi studjata mhux biss permezz ta' għażla xierqa ta' temperatura tat-taħlita, iżda wkoll pemezz ta' numru xieraq ta' passati u permezz ta' l-għażla tal-vettura li tikkompatta t-taħlita.

*Tabella 1*

**Il-linji ta' gwida għad-disinn**

| | Il-valuri fil-mira | | Tolleranzi |
|---|---|---|---|
| | Skond il-massa totali tat-taħlita | Skond il-massa ta' l-aggregat | |
| Il-massa tal-ġebel, għarbiel b'toqob kwadri (SM) > 2 mm | 47,6 % | 50,5 % | ± 5 |
| Il-massa tar-ramel 0,063 < SM < 2 mm | 38,0 % | 40,2 % | ± 5 |
| Il-massa tas-sustanza li timla SM < 0,063 mm | 8,8 % | 9,3 % | ± 5 |
| Il-massa tas-sustanza li tgħaqqad (bitum) | 5,8 % | M.A. | ± 0,5 |
| Id-daqs massimu taż-żrar | 8 mm | | 6,3-10 |
| L-ebusija tas-sustanza li tgħaqqad | (ara l-paragrafu 3.2.2. (f)) | | |
| Il-valur tal-ġebel ippolixxjat (PSV) | > 50 | | |
| Il-kompatezza, relattiva għall-Kompatezza Marshall | 98 % | | |

4. IL-METODU TAT-TEST

4.1. Il-kejl tal-kontenut ta' l-ispazji vojta residwali

Għall-fini ta' dan il-kejl, għandhom jittieħdu kampjuni mill-mogħdija f'minn ta' l-inqas erba' pożizzjonijiet differenti li jkunu mqassma b'mod ugwali fiż-żona tat-test bejn il-linji AA u BB (ara l-Figura 1). Biex jiġu evitati nuqqas ta' omoġeneità u nuqqas ta' uniformità fil-mogħdiji tar-roti, m'għandhomx jittieħdu kampjuni fil-mogħdiji tar-roti stess, imma qribhom. Żewġ kampjuni (bħala minimu) għandhom jittieħdu qrib il-mogħdija tar-roti, u kampjun ieħor (bħala minimu) għandu jittieħed bejn wieħed u ieħor fin-nofs bejn il-mogħdija tar-roti u l-pożizzjoni ta' kull mikrofonu.

Jekk ikun hemm suspett li l-kundizzjoni ta' omoġeneità mhix qed tiġi sodisfatta (ara l-paragrafu 2.4.), għandhom jittieħdu kampjuni minn aktar inħawi fiż-żona tat-test.

Għal kull kampjun għandu jiġi ddeterminat il-kontenut ta' spazji residwali, imbagħad il-valur medju mill-kampjuni kollha għandu jkun ikkalkulat u pparagunat mar-rekwiżit tal-paragrafu 2.1. Barra minn hekk, l-ebda kampjun waħdani m'għandu jkollu valur ta' spazji ogħla minn 10 fil-mija.

Il-bennej tas-superfiċje tat-test għandu jżomm f'moħħu l-problema li tista' tinqala' meta ż-żona tat-test tkun imsaħħna b'pajpijiet jew b'wajers ta' l-elettriku, u jridu jittieħdu kampjuni minn din iż-żona. Tali installazzjonijiet iridu jiġu ppjanati sew fejn għandhom x'jaqsmu l-postijiet futuri għat-tħaffir tal-kampjuni. Huwa rrakkomandat li jitħallew ftit postijiet li jkunu bejn wieħed u ieħor 200 mm × 300 mm fejn ma jkun hemm l-ebda wajer/pajp jew fejn ta' l-aħħar jinsabu biżżejjed fil-fond biex ma tiġrilhomx ħsara minħabba l-kampjuni li ttieħdu mis-saff tas-superfiċje.

4.2. Il-koeffiċjent ta' assorbiment tal-ħoss

Il-koeffiċjent ta' assorbiment tal-ħoss (inċidenza normali) għandu jitkejjel bil-metodu tat-tubu ta' l-impedenza fejn tintuża l-proċedura li ġiet speċifikata fl-ISO 10534-1:1996 jew fl-ISO 10534-2:1998.

Rigward kampjuni tat-test, għandhom jiġu segwiti l-istess rekwiżiti kif sar rigward il-kontenut ta' l-ispazji residwali (ara l-paragrafu 4.1). L-assorbiment tal-ħoss għandu jitkejjel fil-firxa bejn 400 Hz u 800 Hz u fil-firxa bejn 800 Hz u 1 600 Hz (għall-inqas fil-frekwenzi ċentrali tal-faxxi ta' terz ta' ottava), u l-valuri massimi għandhom jiġu identifikati għal dawn iż-żewġ firxiet ta' frekwenzi. Imbagħad, għall-kampjuni tat-test kollha, għanda tiġi kkalkulata l-medja ta' dawn il-valuri biex jiġi kkostitwit ir-riżultat finali.

4.3. Il-kejl volumetriku tal-makrostruttura

Għall-fini ta' dan l-istandard, il-kejl tal-fond ta' l-istruttura għandu jsir fuq mill-inqas 10 pożizzjonijiet li jkunu spazjati b'mod uniformi tul il-mogħdijiet tar-roti ta' l-istrixxa tat-test, u għandu jittieħed il-valur medju biex jiġi pparagunat mal-fond minimu ta' l-istruttura li ġie speċifikat. Ara l-Istandard ISO 10844:1994 għal deskrizzjoni tal-proċedura.

5. L-ISTABBILTÀ MAŻ-ŻMIEN U L-MANUTENZJONI

5.1. L-influwenza taż-żmien

Bħal kwalunkwe superfiċje oħra, huwa mistenni li l-livell ta' ħoss ta' rrolljar tat-tajers imkejjel fuq is-superfiċje tat-test jista' jiżdied bi ftit matul l-ewwel 6-12-il xahar wara l-kostruzzjoni.

Is-superfiċje se tikseb il-karatteristiċi meħtieġa minnha mhux qabel erba' ġimgħat wara l-kostruzzjoni. L-influwenza taż-żmien fuq l-istorbju mit-trakkijiet ġeneralment tkun inqas minn dak mill-karozzi.

L-istabbilità maż-żmien tiġi ddeterminata prinċipalment bl-ippolixxjar u bil-kompattezza ikkawżati mill-vetturi li jinsaqu fuq is-superfiċje. Għandha tiġi kkontrollata perjodikament kif ġie ddikjarat fil-paragrafu 2.5.

5.2. Il-manutenzjoni tas-superfiċje

Fdalijiet mhux kompatti jew trabijiet, li jistgħu jnaqqsu b'mod sinifikanti il-fond effettiv ta' l-istruttura, iridu jitneħħew mis-superfiċje. F'pajjiżi bi klimi Xitwin, xi drabi jintuża l-melħ biex iħoll is-silġ. Il-melħ jista' jimmodifika s-superfiċje b'mod temporanju jew saħansitra b'mod permanenti b'tali mod li jiżdied l-istorbju u għalhekk, il-melħ mhux irrakkomandat.

5.3. Il-pavimentar mill-ġdid taż-żona tat-test

Jekk ikun meħtieġ li l-mogħdija tat-test tiġi pavimentata mill-ġdid, normalment ikun meħtieġ li tiġi pavimentata mill-ġdid biss l-istrixxa tat-test (wiesgħa 3 m fil-Figura 1) fejn jinsaqu l-vetturi, sakemm iż-żona tat-test barra l-istrixxa tkun issodisfat ir-rekwiżit tal-kontenut ta' l-ispazji residwali jew ta' l-assorbiment tal-ħoss meta tkejjlet.

6. ID-DOKUMENTAZZJONI TAS-SUPERFIĊJE TAT-TEST U TAT-TESTIJIET IMWETTQA FUQHA

6.1. Id-dokumentazzjoni tas-superfiċje tat-test

Id-data li ġejja għandha tingħata f'dokument li jiddeskrivi s-superfiċje tat-test:

6.1.1. Fejn tinsab il-mogħdija tat-test;

6.1.2. It-tip ta' sustanza li tgħaqqad, l-ebusija tas-sustanza li tgħaqqad, it-tip ta' aggregat, id-densità massima teoretika tal-konkrit (DR), il-ħxuna tal-kisi tas-superfiċje u l-kurva ta' gradazzjoni li ġiet iddeterminata minn kampjuni mill-mogħdija tat-test;

6.1.3. Il-metodu ta' kompatezza (eż. it-tip ta' romblu, il-massa tar-romblu, in-numru ta' passati);

6.1.4. It-temperatura tat-taħlita, it-temperatura ta' l-arja ambjentali u l-veloċità tar-riħ matul it-tqegħid tas-superfiċje;

6.1.5. Id-data meta tqiegħdet is-superfiċje u l-kuntrattur;

6.1.6. Ir-riżultati tat-test kollha jew għallinqas l-aktar wieħed reċenti, inklużi:

6.1.6.1. Il-kontenut ta' l-ispazji residwali ta' kull kampjun;

6.1.6.2. Il-postijiet fiż-żona tat-test minfejn ittieħdu l-kampjuni biex jitkejlu l-ispazji;

6.1.6.3. Il-koeffiċjent ta' assorbiment tal-ħoss ta' kull kampjun (jekk tkejjel). Speċifika r-riżultati kemm għal kull kampjun u għal kull firxa ta' frekwenzi kif ukoll il-medja globali;

6.1.6.4. Il-postijiet fiż-żona tat-test minfejn ittieħdu l-kampjuni biex jitkejjel l-assorbiment;

6.1.6.5. Il-fond ta' l-istruttura, inkluż in-numru ta' testijiet u d-devjazzjoni standard.;

6.1.6.6. L-istituzzjoni responsabbli mit-testijiet skond il-paragrafi 6.1.6.1. u 6.1.6.2. u t-tip ta' tagħmir li ntuża;

6.1.6.7. Id-data tat-test(ijiet) u d-data ta' meta ttieħdu l-kampjuni mill-mogħdija tat-test.

6.2. Id-dokumentazzjoni tat-testijiet ta' l-istorbju tal-vetturi li twettqu fuq is-superfiċje

Fid-dokument li jiddeskrivi t-test(ijiet) ta' l-istorbju tal-vetturi, għandu jkun iddikjarat jekk ir-rekwiżiti kollha ta' dan l-istandard ġewx sodisfatti jew le. Skond il-paragrafu 6.1., għandha ssir referenza għal dokument li jiddeskrivi r-riżultati li jivverifikaw dan.

*ANNESS 5*

**IL-PROĊEDURA TAT-TEST BIEX TITKEJJEL IL-QABDA FUQ L-IMXARRAB**

1. IL-KUNDIZZJONIJIET ĠENERALI TAT-TEST

1.1. Il-karatteristiċi tal-mogħdija

Il-mogħdija għandha jkollha superfiċje b'asfalt dens bi grejdjint fi kwalunkwe direzzjoni li ma jaqbiżx it-2 fil-mija. Għandu jkollha etá, kompożizzjoni u sinjali ta' użu uniformi u għandha tkun ħielsa minn materjal mhux maqgħud jew minn depożiti barranin. Id-daqs massimu taż-żrar għandu jkun ta' 10 mm (tolleranzi permessi minn 8 mm sa 13 mm) u l-fond tar-ramel imkejjel skond kif ġie speċifikat fl-ASTM E-965 għandu jkun ta' 0,7 ± 0,3 mm.

Il-valur tal-frizzjoni tas-superfiċje għal mogħdija mxarrba għandu jkun stabbilit b'metodu wieħed jew l-ieħor mill-metodi li ġejjin:

1.1.1. Il-metodu tat-tajer tat-test standard u ta' referenza (SRTT)

Meta ttestjat billi jintuża l-SRTT u l-metodu mogħti fil-paragrafu 2.1., il-koeffiċjent medju ta' l-akbar forza tal-brejkijiet (pbfc) għandu jkun bejn 0,6 u 0,8. Il-valuri mkejla għandhom jiġu korretti għall-effetti tat-temperatura kif ġej:

$$\text{pbfc} = \text{pbfc (imkejjel)} + 0{,}003 \cdot 5(t - 20)$$

fejn "t" hija t-temperatura tas-superfiċje tal-mogħdija mxarrba fi gradi Celsius.

It-test għandu jitwettaq billi jintużaw il-lejnijiet u t-tul tal-mogħdija li għandha tintuża għat-test tal-qabda fuq l-imxarrab;

1.1.2. Il-metodu tan-numru tal-pendlu Brittaniku (BPN)

Il-medja kkalkulata tan-numru tal-pendlu Brittaniku (BPN) tal-mogħdija mxarrba, imkejla skond il-proċedura mogħtija fl-Istandard 303-93 tas-Soċjetà Amerikana għall-Ittestjar u għall-Materjali (ASTM) (approvat mill-ġdid fl-1998) u billi tintuża l-biċċa materjal kif ġie speċifikat fl-Istandard E 501-94 ta' l-ASTM, għandha tkun ta' bejn 40 u 60 wara l-korrezzjoni tat-temperatura. Sakemm il-manifattur tal-pendlu ma jindikax xi rakkomdazzjonijiet għall-korrezzjoni tat-temperatura, tista' tintuża l-formula li ġejja:

$$\text{BPN} = \text{BPN (valur imkejjel)} + 0{,}34 \cdot t - 0{,}0018 \cdot t^2 - 6{,}1$$

fejn "t" hija t-temperatura tas-superfiċje tal-mogħdija mxarrba fi gradi Celsius.

Fil-lejnijiet tal-mogħdija li għandha tintuża waqt it-testijiet tal-qabda fuq l-imxarrab, il-BPN għandu jitkejjel f'intervalli ta' 10 m għal għonq it-tul tal-lejnijiet. Il-BPN għandu jitkejjel ħames darbiet f'kull punt u l-koeffiċjent tal-varjazzjoni tal-valuri medji tal-BPN m'għandux jaqbeż b'10 fil-mija.

1.1.3. L-awtorità ta' l-approvazzjoni tat-tip għandha tkun sodisfatta rigward il-karatteristiċi tal-mogħdija fuq il-bażi ta' l-evidenza ppreżentata fir-rapporti tat-test.

1.2. Il-kundizzjonijiet tat-tixrib

Is-superfiċje tista' tixxarrab mill-ġenb tal-mogħdija jew b'sistema ta' tixrib inkorporata fil-vettura jew fit-trejler tat-test.

Jekk tintuża sistema mill-ġenb tal-mogħdija, is-superfiċje tal-mogħdija għandha tixxarrab mill-inqas nofs siegħa qabel l-ittestjar sabiex it-temperatura tas-superfiċje u t-temperatura ta' l-ilma jkunu ugwalizzati. Huwa rrakkomandat li t-tixrib mill-ġenb tal-mogħdija jiġi applikat kontinwament matul l-ittestjar kollu.

Il-fond ta' l-ilma għandu jkun ta' bejn 0,5 u 1,5 mm.

1.3. Il-kundizzjonijiet tar-riħ m'għandhomx jinterferixxu mat-tixrib tas-superfiċje (l-irpar mir-riħ huwa permess).

It-temperatura tas-superfiċje mxarrba għandha tkun bejn 5 °C u 35 °C u matul it-test m'għandiex tvarja b'aktar minn 10 °C.

2. IL-PROĊEDURA TAT-TEST

Il-prestazzjoni komparattiva tal-qabda fuq l-imxarrab għandha tiġi stabbilita jew billi jintuża:

(a) Trejler jew vettura għall-evalwazzjoni ta' tajer b'fini speċjali; jew

(b) Vettura li ġġorr il-passiġġieri ta' produzzjoni standard (tal-kategorija $M_1$ kif ġiet iddefinita fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3.) inkluża fid-dokument TRANS/WP.29/78/Rev.1/E-mend.2 kif emendat l-aħħar bl-Emenda 4).

2.1. Il-proċedura tat-trejler jew tal-vettura għall-evalwazzjoni ta' tajer b'fini speċjali

2.1.1. It-trejler, flimkien mal-vettura ta' l-irmonk, jew il-vettura għall-evalwazzjoni ta' tajer għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:

2.1.1.1. Għandhom ikunu kapaċi jaqbżu l-limitu ta' fuq għall-veloċità tat-test ta' 67 km/h u jżommu r-rekwiżit tal-veloċità tat-test ta' 65 ± 2 km/h fil-livell massimu ta' applikazzjoni tal-forzi ta' l-ibbrejkjar;

2.1.1.2. Għandhom ikunu mgħammra b'fus li jipprovdi pożizzjoni waħda tat-test billi jkollhom brejk idrawliku u sistema ta' attwazzjoni li jistgħu jithaddmu mill-vettura ta' l-irmonk, jekk ikun applikabbli. Is-sistema ta' l-ibbrejkjar għandha tkun kapaċi tipprovdi biżżejjed torque ta' l-ibbrejkjar sabiex jinkiseb il-koeffiċjent ta' l-akbar forza tal-brejkijiet tul il-firxa ta' daqsijiet ta' tajers u ta' tagħbiji ta' tajers li għandhom jiġu ttestjati;

2.1.1.3. Għandhom ikunu kapaċi jżommu l-allinjament lonġitudinali (*toe*) u l-kamber ta' l-assemblaġġ tar-rota u tat-tajer tat-test matul it-test kollu sa ± 0,5° tal-figuri statiċi miksuba fil-kundizzjoni mgħobbija tat-tajer tat-test;

2.1.1.4. Fil-każ ta' trejler, l-apparat ta' l-igganċjar mekkaniku bejn il-vettura ta' l-irmonk u t-terjler għandu jkun tali li, meta l-vettura ta' l-irmonk u t-trejler ikunu igganċjati flimkien, l-iżbarra jew parti mill-iżbarra tat-trejler li tinkorpora s-sensittività għall-kejl tal-forza ta' l-ibbrejkjar għandha, tkun orizzontali jew imżerżqa 'l isfel minn wara għal quddiem f'angolu massimu ta' 5°. Id-distanza lonġitudinali mil-linja ċentrali tal-punt ta' artikulazzjoni ta' l-igganċjar (ganċ) sal-linja ċentrali trasversali tal-fus tat-trejler għandha tkun mill-inqas għaxar darbiet daqs l-għoli ta' l-igganċġjar (il-ganċ);

2.1.1.5. Fil-każ ta' vetturi li jinkorporaw sistema għat-tixrib tal-mogħdija, iż-żennuna(i) minfejn joħroġ l-ilma għandha(hom) tkun(ikunu) tali li s-saff ta' l-ilma li jirriżulta ikollu sezzjoni uniformi li testendi mill-inqas 25 mm 'lil hinn mill-wisa' tar-roqgħa ta' kuntatt tat-tajer. Iż-żennuna(i) għandha(hom) tkun(ikunu) diretta(i) 'l isfel f'angolu ta' bejn 20° u 30° u għandha(hom) tidħol(jidħlu) f'kuntatt mas-superfiċje tal-mogħdija f'żona ta' 250 mm u 450 mm quddiem iċ-ċentru tar-roqgħa ta' kuntatt tat-tajer. L-għoli taż-żennuna(i) għandu jkun ta' 25 mm jew l-għoli minimu biex ikun evitat kwalunkwe ostaklu fuq is-superfiċje tal-mogħdija mingħajr ma jinqabeż massimu ta' 100 mm. Ir-rata li biha joħroġ l-ilma għandha tiżgura fond ta' ilma ta' bejn 0,5 mm u 1,5 mm u għandha tkun konsistenti matul it-test kollu sa ± 10 fil-mija. Innota li rata tipika għall-ittestjar f'veloċità ta' 65 km/h se tkun ta' 18 $ls^{-1}$ għal kull metru ta' wisa' tas-superfiċje tal-mogħdija mxarrba.

Is-sistema għandha tkun tista' toħroġ l-ilma b'tali mod li t-tajer, u s-superfiċje tal-mogħdija quddiem it-tajer, ikunu mxarrbin qabel il-bidu ta' l-ibbrejkjar u sakemm idum it-test.

2.1.2. Il-proċedura tat-test

2.1.2.1. It-tajer tat-test għandu jkun ittrimmjat sabiex titneħħa kwalunkwe sporġenza tal-forma li tista' taffetwa t-test.

2.1.2.2. It-tajer tat-test għandu jkun immuntat fuq ir-rimm tat-test iddikjarat mill-manifattur tat-tajer fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni, u għandu jintefaħ sa pressjoni ta' 180 kPa fil-każ ta' l-SRTT u t-tajer b'tagħbija standard jew sa pressjoni ta' 220 kPa fil-każ ta' tajer rinforzat jew b'tagħbija żejda.

2.1.2.3. It-tajer għandu jkun ikkundizzjonat għal minimu ta' sagħtejn qrib il-mogħdija tat-test b'tali mod li jkun stabilizzat fit-temperatura ambjentali taż-żona tal-mogħdija tat-test. It-tajer(s) għandu(hom) ikun(u) espost(i) għad-dawl dirett tax-xemx waqt il-kundizzjonament.

2.1.2.4. It-tajer għandu jitgħabba sa:

(a) Bejn 445 kg u 508 kg fil-każ ta' l-SRTT; u

(b) Bejn 70 fil-mija u 80 fil-mija tal-valur tat-tagħbija li jikkorrispondi għall-indiċi tat-tagħbija tat-tajer fi kwalunkwe każ ieħor.

2.1.2.5. Ftit qabel l-ittestjar, il-mogħdija għandha tkun ikkundizzjonata billi jitwettqu mill-inqas għaxar testijiet ta' l-ibbrejkjar fuq il-parti tal-mogħdija li għandha tintuża għall-programm tat-testijiet tar-rendiment imma billi jintuża tajer li mhux involut fil-programm.

2.1.2.6. Immedjatament qabel l-ittestjar, jekk ikun meħtieġ, il-pressjoni ta' nefħa tat-tajer għandha tkun ikkontrollata u ssettjata mill-ġdid għall-valuri mogħtija fil-paragrafu 2.1.2.2.

2.1.2.7. Il-veloċità tat-test għandha tkun ta' bejn 63 km/h u 67 km/h u għandha tinżamm bejn dawn il-limiti matul il-ġirja tat-test kollha.

2.1.2.8. Id-direzzjoni tat-test għandha tkun l-istess għal kull sett ta' testijiet u għandha tkun l-istess għat-tajer tat-test bħal dik li ntużat għall-SRTT li miegħu għandha tiġi pparagunata l-prestazzjoni tiegħu.

2.1.2.9. Il-brejkijiet ta' l-assemblaġġ tar-rota tat-test għandhom ikunu applikati b'tali mod li l-akbar forza tal-brejkijiet tintlaħaq bejn 0,2 s u 0,5 s mill-applikazzjoni tal-brejkijiet.

2.1.2.10. Fil-każ ta' tajer ġdid, sabiex jiġi kkundizzjonat it-tajer għandhom jitwettqu żewġ ġirjiet tat-test. Dawn it-testijiet jistgħu jintużaw sabiex tkun ikkontrollata ħidmet it-tagħmir li jirrekordja imma r-riżultati m'għandhomx jitqiesu fil-valutazzjoni tal-prestazzjoni.

2.1.2.11. Għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni ta' kwalunkwe tajer ipparagunat ma' dak ta' l-SRTT, it-test ta' l-ibbrejkjar għandu jitwettaq mill-isess punt u fl-istess lejn tal-mogħdija tat-test.

2.1.2.12. L-ordni ta' l-ittestjar għandu jkun:

R1 – T – R2

fejn:

R1 hija t-test inizjali ta' l-SRTT, R2 hija t-test ripetut ta' l-SRTT u T hija t-test tat-tajer kandidat li għandu jkun evalwat.

Jistgħu jiġu ttestjati massimu ta' tliet tajers kandidati qabel ma jiġi ripetut it-test ta' l-SRTT, perezempju:

R1 – T1 – T2 – T3 – R2

2.1.2.13. Il-valur medju tal-koeffiċjent ta' l-akbar forza tal-brejkijiet (pbfc) għandu jkun ikkalkulat fuq mill-inqas sitt riżultati validi.

Biex ir-riżultati jitqiesu validi, il-koeffiċjent tal-varjazzjoni kif ġie ddeterminat mid-devjazzjoni standard diviża bir-riżultat medju, espress bħala perċentwali, għandu jkun sa ħamsa fil-mija. Jekk dan ma jistax jinkiseb bl-ittestjar ripetut ta' l-SRTT, l-evalwazzjoni tat-tajer(s) kandidat(i) għandha titwarrab u l-ordni kollu ta' l-ittestjar għandu jiġi ripetut.

2.1.2.14. L-użu tal-valur tal-pbfc medju għal kull serje ta' ġirjiet tat-test:

Fil-każ ta' l-ordni ta' l-ittestjar R1 – T – R2, il-pbfc ta' l-SRTT li għandu jintuża fil-paragun tar-rendiment tat-tajer kandidat għandu jitqies li huwa:

(R1 + R2)/2

fejn:

R1 hija l-pbfc medju għall-ewwel serje ta' ġirjiet tat-test ta' l-SRTT u R2 hija l-pbfc medju għat-tieni serje ta' ġirjiet tat-test ta' l-SRTT

Fil-każ ta' l-ordni ta' l-ittestjar R1 – T1 – T2 – R2, il-pbfc ta' l-SRTT għandu jitqies li huwa:

2/3 R1 + 1/3 R2 għal paragun mat-tajer kandidat T1

u

1/3 R1 + 2/3 R2 għal paragun mat-tajer kandidat T2

Fil-każ ta' l-ordni ta' l-ittestjar R1 – T1 – T2 – T3 – R2, il-pbfc ta' l-SRTT għandu jitqies li huwa:

3/4 R1 + 1/4 R2 għal paragun mat-tajer kandidat T1

(R1 + R2)/2 għal paragun mat-tajer kandidat T2

u

1/4 R1 + 3/4 R2 għal paragun mat-tajer kandidat T3

2.1.2.15. L-indiċi tal-qabda fuq l-imxarrab (G) għandu jkun ikkalkulat kif ġej:

$$G = \frac{\text{pbfc tat-tajer kandidat}}{\text{pbfc ta' l-SRTT}}$$

2.2. Il-proċedura ta' vettura standard

2.2.1. Il-vettura għandha tkun vettura standard tal-kategorija $M_1$, kapaċi ttella' veloċità minima ta' 90 km/h u mgħammra b'sistema ta' bbrejkjar li ma tħallix li l-brejkijiet jiġġammjaw (ABS).

2.2.1.1. Il-vettura m'għandiex tkun modifikata ħlief:

(a) Sabiex tkun tista' titwaħħal firxa akbar ta' daqsijiet ta' roti u ta' tajers;

(b) Sabiex ikun hemm it-tħaddim mekkaniku (inkluż idrawliku, elettriku jew pnewmatiku) tal-kontroll tal-brejk ta' servizz. Is-sistema tista' titħaddem awtomatikament b'sinjali minn apparati inkorporati fi, jew ħdejn, il-mogħdija.

2.2.2. Il-proċedura tat-test

2.2.2.1. It-tajers tat-test għandhom jiġu trimmjati sabiex titneħħa kwalunkwe sporġenza tal-forma li tista' taffetwa t-test.

2.2.2.2. It-tajer tat-test għandu jkun immuntat fuq ir-rimm tat-test iddikjarat mill-manifattur tat-tajer fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni u, fil-każi kollha għandu jintefaħ sa 220 kPa.

2.2.2.3. It-tajer għandu jkun ikkundizzjonat għal minimu ta' sagħtejn ħdejn il-mogħdija tat-test b'tali mod li jiġi stabbilizzat fit-temperatura ambjentali taż-żona tal-mogħdija tat-test. It-tajer(s) ma għandux(homx) ikun(u) espost(i) għad-dawl dirett tax-xemx waqt il-kundizzjonament.

2.2.2.4. It-tagħbija statika fuq it-tajer għandha tkun:

(a) Bejn 381 kg u 572 kg fil-każ ta' l-SRTT; u

(b) Bejn 60 fil-mija u 90 fil-mija tal-valur tat-tagħbija li jikkorrispondi għall-indiċi tat-tagħbija tat-tajer fi kwalunkwe każ ieħor.

Il-varjazzjoni fit-tagħbija fuq it-tajers fuq l-istess fus għandha tkun tali li t-tagħbija li qed iġorr it-tajer li jkun mgħobbi ftit inqas m'għandix tkun inqas minn 90 fil-mija ta' dik tat-tajer li qed iġorr it-tagħbija li tkun aktar tqila.

2.2.2.5. Ftit qabel l-ittestjar, il-mogħdija għandha tkun ikkundizzjonata billi jitwettqu mill-inqas għaxar testijiet ta' l-ibbrejkjar minn 90 km/h sa 20 km/h fuq il-parti tal-mogħdija li għandha tintuża għall-programm tat-testijiet tar-rendiment imma billi jintużaw tajers li mhumiex involuti fil-programm.

2.2.2.6. Immedjatament qabel l-ittestjar, jekk ikun meħtieġ, il-pressjoni ta' nefħa tat-tajer għandha tkun ikkontrollata u ssettjata mill-ġdid għall-valuri mogħtija fil-paragrafu 2.2.2.2.

2.2.2.7. Bl-użu ta' veloċità inizjali ta' bejn 87 km/h u 83 km/h, forza kostanti biżżejjed biex tikkawża t-tħaddim ta' l-ABS fuq ir-roti kollha tal-vettura u li tirriżulta f'diċelerazzjoni stabbli tal-vettura qabel ma' l-veloċità titnaqqas għal 80 km/h, għandha tkun applikata lill-kontroll tal-brejk ta' servizz u din il-forza għandha tinżamm sakemm il-vettura titwaqqaf.

It-test ta' l-ibbrejkjar għandu jitwettaq bil-klaċċ ta' trażmissjoni manwali mhux ingaġġat jew bis-selettur ta' trażmissjoni awtomatiku fil-pożizzjoni newtrali.

2.2.2.8. Id-direzzjoni tat-test għandha tkun l-istess għal kull sett ta' testijiet u għandha tkun l-istess għat-tajer tat-test kandidat bħal dik li ntużat għall-SRTT li miegħu għandha tiġi pparagunata l-prestazzjoni tiegħu.

2.2.2.9. Fil-każ ta' tajers ġodda, sabiex jiġu kkundizzjonati t-tajers għandhom jitwettqu żewġ ġirjiet tat-test. Dawn it-testijiet jistgħu jintużaw sabiex tkun ikkontrollata ħidmet it-tagħmir li jirrekordja imma r-riżultati m'għandhomx jitqiesu fil-valutazzjoni tar-rediment.

2.2.2.10. Għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni ta' kwalunke tajer ipparagunat ma' dak ta' l-SRTT, it-test ta' l-ibbrejkjar għandu jitwettaq mill-istess punt u fl-istess lejn tal-mogħdija tat-test.

2.2.2.11. L-ordni ta' l-ittestjar għandu jkun:

$$R1 - T - R2$$

fejn:

R1 hija t-test inizjali ta' l-SRTT, R2 hija t-test ripetut ta' l-SRTT u T hija t-test tat-tajer kandidat li għandu jkun evalwat.

Jistgħu jiġu ttestjati massimu ta' tliet tajers kandiati qabel ma jiġi ripetut it-test ta' l-SRTT, pereżempju:

$$R1 - T1 - T2 - T3 - R2$$

2.2.2.12. Id-diċelerazzjoni intermedja żviluppata b'mod sħiħ (mfdd) bejn 80 km/h u 20 km/h għandha tiġi kkalkulata għal mill-inqas tliet riżultati validi fil-każ ta' l-SRTT u għal mill-inqas sitt riżultati validi fil-każ tat-tajers kandidati.

Id-diċelerazzjoni intermedja żviluppata b'mod sħiħ (mfdd) tiġi kkalkulata kif ġej:

$$mfdd = 231{,}48/S$$

fejn:

S hija d-distanza mkejla tal-waqfien f'metri bejn 80 km/h u 20 km/h.

Biex ir-riżultati jitqiesu validi, il-koeffiċjent tal-varjazzjoni kif ġie ddeterminat mid-devjazzjoni standard diviża bir-riżultat medju, espress bħala perċentwali, għandu jkun sa tlieta fil-mija. Jekk dan ma jistax jinkiseb bl-ittestjar ripetut ta' l-SRTT, l-evalwazzjoni tat-tajer(s) kandidat(i) għandha titwarrab u l-ordni kollu ta' l-ittestjar għandu jiġi ripetut.

Għal kull serje ta' ġirjiet tat-test, għandha tkun iddeterminata l-medja tal-valuri kkalkulati ta' l-mfdd.

2.2.2.13. L-użu tal-valur tal-mfdd medja għal kull serje ta' ġirjiet tat-test:

Fil-każ ta' l-ordni ta' l-ittestjar R1 – T – R2, l-mfdd ta' l-SRTT li għandha tintuża fil-paragun tar-rendiment tat-tajer kandidat għandha titqies li hija:

$$(R1 + R2)/2$$

fejn:

R1 hija l-mfdd medja għall-ewwel serje ta' ġirjiet tat-test ta' l-SRTT u R2 hija l-mfdd medja għat-tieni serje ta' ġirjiet tat-test ta' l-SRTT

Fil-każ ta' l-ordni ta' l-ittestjar R1 – T1 – T2 – R2, l-mfdd ta' l-SRTT għandha titqies li hija:

$2/3$ R1 + $1/3$ R2 għal paragun mat-tajer kandidat T1

u

$1/3$ R1 + $2/3$ R2 għal paragun mat-tajer kandidat T2

Fil-każ ta' l-ordni ta' l-ittestjar R1 – T1 – T2 – T3 – R2, l-mfdd ta' l-SRTT għandha titqies li hija:

$3/4$ R1 + $1/4$ R2 għal paragun mat-tajer kandidat T1

(R1 + R2)/2 għal paragun mat-tajer kandidat T2

u

$1/4$ R1 + $3/4$ R2 għal paragun mat-tajer kandidat T3

2.2.2.14. L-indiċi tal-qabda fuq l-imxarrab (G) għandu jkun ikkalkulat kif ġej:

$$G = \frac{\text{mfdd medja tat-tajer kandidat}}{\text{mfdd ta' l-SRTT}}$$

2.2.2.15. Fil-każ fejn it-tajers kandidati ma jkunux jistgħu jitwaħħalu fuq l-istess vettura bħall-SRTT, pereżempju, minħabba d-daqs tat-tajers, l-inabbiltà li tinkiseb it-tagħbija meħtieġa, eċċ., il-paragun għandu jsir billi jintużaw tajers intermedji, li min hawn 'il quddiem se jissejħu "tajers ta' kontroll", u żewġ vetturi differenti. Vettura waħda għandha tkun tista' tiġi mgħammra bl-SRTT u bit-tajer ta' kontroll u l-vettura l-oħra għandha tkun tista' tiġi mgħammra bit-tajer ta' kontroll u bit-tajer kandidat.

2.2.2.15.1. L-indiċi tal-qabda fuq l-imxarrab tat-tajer ta' kontroll meta pparagunat ma' l-SRTT (G1) u tat-tajer kandidat meta pparagunat mat-tajer ta' kontroll (G2) għandhom ikunu stabbiliti billi tintuża l-proċedura fil-paragrafi 2.2.2.1 sa 2.2.2.15.

L-indiċi tal-qabda fuq l-imxarrab tat-tajer kandidat meta pparagunat ma' l-SRTT għandu jkun ir-riżultat tal-multiplikazzjoni taż-żewġ indiċijiet tal-qabda fuq l-imxarrab li jirriżultaw, jiġifieri $G1 \times G2$.

2.2.2.15.2. Il-mogħdija, u l-parti tal-mogħdija għandhom, ikunu l-istess għat-testijiet kollha u l-kundizzjonijiet ambjentali għandhom ikunu paragunabbli, pereżempju, it-temperatura tas-superfiċje tal-mogħdija mxarrba għandha tkun sa ± 5 °C. It-testijiet kollha għandhom jitlestew fl-istess jum.

2.2.2.15.3. Għall-paragun ma' l-SRTT u mat-tajer kandidat għandu jintuża l-istess sett ta' tajers ta' kontroll u għandhom jitwaħħlu fl-istess pożizzjonijiet tar-roti.

2.2.2.15.4. It-tajers ta' kontroll li ntużaw għall-ittestjar, sussegwentement għandhom jinħażnu fl-istess kundizzjonijiet kif inhu meħtieġ għall-SRTT, jiġifieri skond l-Istandard E 1136-93 ta' l-ASTM (approvat mill-ġdid fl-1998).

2.2.2.15.5. L-SRTT u t-tajers ta' kontroll għandhom jitwarrbu jekk ikun hemm sinjali ta' użu irregolari jew ħsara jew meta l-prestazzjoni tidher li ddeterjorat.

*Appendiċi*

**Ir-rapport tat-test**

**(L-adeżjoni ma' superfiċje mxarrba)**

PARTI 1 – IR-RAPPORT

1. L-awtorità ta' l-approvazzjoni tat-tip jew is-Servizz Tekniku: ..........

2. L-isem u l-indirizz ta' l-applikant: ..........

3. In-Nru. tar-rapport tat-test: ..........

4. Il-manifattur u isem il-marka jew id-deskrizzjoni kummerċjali: ..........

5. Il-Klassi tat-Tajers (C1, C2 jew C3): ..........

6. Il-kategorija ta' l-użu: ..........

7. Il-koeffiċjent ta' l-adeżjoni ma' superfiċji mxarrbin meta pparagunat ma' l-SRTT skond il-paragrafu 2.1.2.15. jew 2.2.2.15.: ..........

8. Kummenti (jekk ikun hemm): ..........

9. Data: ..........

10. Firma: ..........

PARTI 2 – ID-*DATA* TAT-TEST

1. Id-data tat-test: ..........

2. Il-vettura tat-test (il-marka, il-mudell, is-sena, il-modifikazzjonijiet, eċċ. jew l-identifikazzjoni tat-trejler): ..........

..........

3. Fejn tinsab il-mogħdija tat-test: ..........

3.1. Il-karatteristiċi tal-mogħdija tat-test: ..........

3.2. Maħruġ minn: ..........

3.3. Il-metodu ta' ċertifikazzjoni: ..........

4. Id-dettalji tat-tajer tat-test: ..........

4.1. Id-denominazzjoni tad-daqsijiet tat-tajers u d-deskrizzjoni ta' servizz: ..........

4.2. Il-marka tat-tajers u d-deskrizzjoni kummerċjali: ..........

4.3. Il-pressjoni ta' nefħa ta' referenza: kPa ..........

4.4. Id-*data* tat-test:

| It-Tajer | SRTT | Kandidat | Kontroll |
|---|---|---|---|
| It-tagħbija tat-tajer tat-test (kg) | | | |
| Il-fond ta' l-ilma (mm)<br>(minn 0,5 sa 1,5 mm) | | | |
| Il-medja tat-temperatura tal-mogħdija mxarrba (°C)<br>(minn 5 sa 35 °C) | | | |

4.5. Il-kodiċi tal-wisa' tar-rimm tat-test: ...............................................................

4.6. It-tip ta' sensur għall-kejl tat-temperatura: ...............................................................

4.7. L-identifikazzjoni ta' l-SRTT: ...............................................................

5. Ir-riżultati validi tat-test:

| In-Nru tal-Ġirja | Il-Veloċità tat-Test km/h | Id-direzzjoni tal-ġirja | L-SRTT | It-tajer kandidat | It-tajer ta' kontroll | Il-koeffiċjent ta' l-akbar forza tal-brejkijiet (pbfc) | Id-diċelerazzjoni intermedja żviluppata b'mod sħiħ (mfdd) | L-indiċi tal-qabda fuq l-imxarrab (G) | Kummenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | | | | | | | | | |
| 2 | | | | | | | | | |
| 3 | | | | | | | | | |
| 4 | | | | | | | | | |
| 5 | | | | | | | | | |
| 6 | | | | | | | | | |
| 7 | | | | | | | | | |
| 8 | | | | | | | | | |